Malta Further & Higher Education Authority

Co-funded by the European Union

# Linji Gwida għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità għal korsijiet li jinkludu Komponent ta' Tagħlim Ibbażat fuq ix-Xogħol

**Ippreparat mill-Awtorità ta' Malta għal Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla.**

**Lulju 2023**

Il-kontenut ta' din il-pubblikazzjoni jista' jiġi riprodott parzjalment, għajr għal skopijiet kummerċjali, sakemm l-estratt ikun preċedut minn referenza sħiħa għall-Awtorità ta' Malta għal Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla segwita mid-data tal-pubblikazzjoni tar-rapport.

© Malta Further and Higher Education Authority 2023

# Werrej

Abbrevjazzjonijiet ........ 4
Introduzzjoni ........ 5
Tipi differenti ta' Esperjenzi ta' WBL ........ 5
WBL fir-Rapport ta' Referenza tal-2016 ........ 8
Fluss tax-Xogħol tal-Implimentazzjoni tad-WBL Issuġġerit ........ 9
Prijoritajiet tal-Kwalità għad-WBL ........ 11
L-Ewwel Prijorità tal-Kwalità: Governanza Effettiva tat-Tagħlim Ibbażat fuq ix-Xogħol ........ 13
Standard 1.1 Il-ġestjoni istituzzjonali tappoġġa d-WBL billi trawwem kultura ta' governanza ta' kwalità fil-livelli kollha. ........ 14
Standard 1.2 L-istudenti prospettivi jistgħu jagħżlu minn għażla ta' Opportunitajiet ta' Tagħlim ibbażat fuq ix-Xogħol għall-opportunità ta' tagħlim l-aktar adatta għalihom. ........ 15
Standard 1.3 Programmi ta' Studju li jinkludu komponent tad-WBL huma ta' kwalità tajba. ........ 17
Standard 1.4 Il-korsijiet li jinkludu l-komponenti tad-WBL jiġu riveduti b'mod ċikliku permezz tal-analiżi tad-data u l-ġbir tal-feedback. ........ 18
Standard 1.5 Riżorsi adegwati huma ddedikati għall-implimentazzjoni tad-WBL b'mod effettiv. ........ 19
It-Tieni Prijorità tal-Kwalità: Kollaborazzjoni Attiva Fost il-Partijiet ikkonċernati ........ 21
Standard 2.1 L-istituzzjonijiet edukattivi u l-isponsors jikkollaboraw b'mod attiv biex jipprovdu komponent tad-WBL ġenwin u siewi. ........ 22
Standard 2.2 Ir-responsabilitajiet ta' kull parti kkonċernata huma artikolati b'mod ċar bil-miktub. ........ 24
It-Tielet Prijorità tal-Kwalità: Sistemi Effettivi ta' Appoġġ għall-Istudenti ........ 26
Standard 3.1 L-istudenti huma ppreparati sew qabel jibdew il-kollokamenti f'impjieg tagħhom. ........ 27
Standard 3.2 L-istudenti huma appoġġjati matul il-kollokamenti f'impjieg tagħhom. ........ 29
Standard 3.3 Ħarrieġa fuq il-post tax-xogħol isostnu l-proċess ta' tagħlim tal-istudenti. ........ 31
Ir-Raba' Prijorità tal-Kwalità: Valutazzjoni b'saħħitha tad-WBL ........ 33
Standard 4.1 Il-programmi ta' studju huma bbażati fuq l-aħjar prattika u kurrikuli bbilanċjati u aġġornati. ........ 34
Standard 4.2 Hemm fis-seħħ sistemi ta' valutazzjoni validi u affidabbli. ........ 36
Standard 4.3 L-għalliema u l-eżaminaturi huma mħarrġa tajjeb u kkwalifikati kif xieraq biex jappoġġjaw lill-istudenti. ........ 38
Definizzjonijiet ........ 40
Appendiċi 1: Drittijiet u obbligi tal-fornituri tal-VET. ........ 45
Appendiċi 2: Drittijiet u obbligi tal-isponsors. ........ 48
Appendiċi 3: Drittijiet u obbligi tal-istudenti. ........ 50

# Abbrevjazzjonijiet

| | |
|---|---|
| Cedefop | Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali |
| CPD | Żvilupp Professjonali Kontinwu |
| EAfA | Alleanza Ewropea għall-Apprendistati |
| ECTS | Sistema Ewropea għall-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment ta' Krediti |
| ESTS | Skema ta' Tahrig Estiz fis-Snajja |
| ETC | Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ |
| ETF | Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ |
| EUPA | Aġenzija tal-Programmi tal-Unjoni Ewropea |
| ICT | Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni |
| IfE | L-Istitut għall-Edukazzjoni |
| ITS | L-Istitut għal Studji Turistiċi |
| MCAST | Il-Kulleġġ Malti għall-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija |
| MCCEI | Il-Kamra tal-Kummerċ, l-Intrapriża u l-Industrija ta' Malta |
| MQF | Qafas Malti tal-Kwalifiki |
| MSE | Intrapriża ta' daqs Medju |
| NCFHE | Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla |
| NEET | Barra mill-Edukazzjoni, Impjieg jew Taħriġ |
| NRP | Programm Nazzjonali ta' Riforma |
| OECD | Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi |
| QEK | Qafas Ewropew tal-Kwalifiki |
| SME | Intrapriża Żgħira u ta' Daqs Medju |
| UE | L-Unjoni Ewropea |
| UOM | L-Università ta' Malta |
| VET | Edukazzjoni u Taħriġ Vokazzjonali |
| WBL | Tagħlim Ibbażat fuq ix-Xogħol |

# Introduzzjoni

Il-Linji Gwida tal-MFHEA għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità għal Korsijiet li jinkludu Komponent ta' Tagħlim Ibbażat fuq ix-Xogħol jirrappreżentaw l-isforz tal-MFHEA biex tappoġġa l-istituzzjonijiet lokali tal-edukazzjoni ogħla fl-isforzi tagħhom biex jipprovdu edukazzjoni ta' kwalità għolja u jagħmlu tali opportunitajiet ta' edukazzjoni aċċessibbli għall-akbar numru possibbli ta' studenti prospettivi.

Il-linji gwida tal-kwalità dwar it-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol (WBL), f'konformità mad-dokumentazzjoni l-oħra tal-assigurazzjoni tal-kwalità tal-MFHEA, jikkomplementaw il-mekkaniżmi interni tal-assigurazzjoni tal-kwalità ta' entitajiet individwali tal-edukazzjoni avvanzata u ogħla filwaqt li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' kultura nazzjonali ta' kwalità f'dan il-qasam. Dawn il-linji gwida jirreferu għal forniment ulterjuri ta' edukazzjoni formali avvanzata għall-adulti kemm fis-setturi statali kif ukoll f'dawk mhux statali.

L-MFHEA hija konxja mill-ħafna benefiċċji potenzjali tal-inklużjoni ta' komponenti ta' tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol fil-programmi ta' tagħlim. Għalhekk, l-MFHEA għandha l-għan li tipprovdi linji gwida ċari biex tiżgura li korsijiet li jinkludu komponent ta' tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol, kemm jekk estensivi jew limitati, ġenwinament iħejju tajjeb studenti prospettivi għall-futur professjonali tagħhom fit-tul.

Dan ir-rapport huwa bbażat fuq il-gwida fir-Rapport ta' Referenza tal-2016 tal-NCFHE, dokumentazzjoni estensiva ta' politika tal-UE u internazzjonali dwar is-suġġett, riċerka akkademika ppubblikata internazzjonalment riveduta bejn il-pari, dokumenti ta' politika Maltin u prattiki attwali fl-istituzzjonijiet Maltin.

Huwa rakkomandat li l-istituzzjonijiet edukattivi li jimplimentaw korsijiet ta' tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol jaqraw dawn il-linji gwida flimkien mal-Att dwar it-Tagħlim Ibbażat fuq ix-Xogħol u l-Apprendistat ta' Malta, il-Kapitolu 576 tal-Liġijiet ta' Malta, disponibbli online fuq https://legislation.mt/eli/cap/576/eng/pdf. Id-dmirijiet tal-istituzzjonijiet edukattivi, l-isponsors u l-istudenti, kif deskritti fl-Att dwar it-Tagħlim Ibbażat fuq ix-Xogħol u l-Apprendistat, huma kkupjati fl-appendiċijiet ta' dawn il-linji gwida għal referenza faċli.

### X'inhu WBL?

Dawn il-linji gwida jifhmu t-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol bħala komponent tal-kors fuq ix-xogħol li jipprovdi esperjenza ta' tagħlim immirata biex tgħin lill-istudenti jiksbu l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi b'rilevanza diretta għas-suq tax-xogħol. L-apprendiment iseħħ prinċipalment permezz ta' esperjenza, prattika, mentoring u dimostrazzjoni. L-istudenti jiksbu l-opportunità li japplikaw għarfien akkademiku u tekniku, ħiliet u kompetenzi u jiżviluppaw l-impjegabilità tagħhom. It-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol jista' jieħu l-forma ta' kollokament f'impjieg, apprendistat jew internship.

### Tipi differenti ta' Esperjenzi ta' WBL

**Kollokament f'impjieg:**

It-terminu "kollokament f'impjieg" jirreferi għal perjodu ta' xogħol mhux imħallas imwettaq minn studenti b'sponsor irreġistrat bħala parti mill-kors tal-edukazzjoni tagħhom f'istituzzjoni edukattiva li hija kkaratterizzata min-natura strutturata tat-tagħlim. L-għan tagħha huwa biex tinkiseb esperjenza ta' xogħol li twassal għal kwalifika jew għotja rikonoxxuta fil-Livell 1 jew il-Livell 2 tal-MQF. L-istudent ikun marbut ma' sponsor bi ftehim ta' taħriġ ikkompilat mill-istituzzjoni edukattiva. Il-krediti tal-ECTS huma allokati u vvalutati mill-istituzzjoni edukattiva għar-riżultati tat-tagħlim miksuba matul il-perjodu bbażat fuq ix-xogħol.

Kif indikat fl-Iskeda 1 tal-Att dwar it-Tagħlim Ibbażat fuq ix-Xogħol u l-Apprendistat, il-kollokamenti f'impjieg huma maħsuba għall-korsijiet tal-Livelli 1-4 tal-MQF. Kollokamenti f'impjieg jinvolvu:

- Allokazzjoni ta' student lil sponsor irreġistrat biex jikseb esperjenza u ħiliet bażiċi ta' xogħol.
- Programmi li jinkludu kollokamenti f'impjieg li jwasslu għal kwalifika vokazzjonali jew għotja fil-Livell 1 sal-Livell 4 jew simili fil-Qafas Malti tal-Kwalifiki.
- L-istudent huwa marbut mal-isponser bi ftehim ta' taħriġ għal kollokamenti f'impjieg ikkompilat mill-istituzzjoni edukattiva u l-isponsor.
- L-istudent jista' jirċievi remunerazzjoni jew le għall-porzjon tat-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol tal-kollokament f'impjieg.
- Il-krediti tal-ECTS jiġu allokati minn istituzzjoni edukattiva għar-riżultati tat-tagħlim miksuba matul il-perjodu tax-xogħol u vvalutati bħala parti mill-programm ta' kollokament f'impjieg.

**Apprendistat:**

It-terminu "apprendistat" jirreferi għal taħriġ li jinvolvi lill-istudenti fuq programmi li jinkludu tagħlim ibbażat fl-iskola f'istituzzjoni edukattiva liċenzjata u tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol ma' sponsor irreġistrat. Programmi li jinkludu apprendistati jwasslu għal kwalifika jew għotja vokazzjonali rikonoxxuta fil-Livell 3 jew il-Livell 4 tal-MQF. L-istudent huwa marbut ma' sponsor bi ftehim ta' taħriġ flimkien mal-istituzzjoni edukattiva. Il-krediti tal-ECTS huma allokati u vvalutati mill-istituzzjoni edukattiva għar-riżultati tat-tagħlim miksuba matul il-perjodu bbażat fuq ix-xogħol. L-apprendistati formalment jikkombinaw u jalternaw taħriġ ibbażat fuq ix-xogħol (perjodi ta' esperjenza ta' xogħol prattiku fuq il-post tax-xogħol) ma' edukazzjoni bbażata fl-iskola (perjodi ta' edukazzjoni teoretika/prattika mogħtija f'istituzzjoni edukattiva), u jwasslu għal kwalifiki/għotjiet rikonoxxuti nazzjonalment mat-tlestija b'suċċess.

Kif indikat fl-Iskeda 1 tal-Att dwar it-Tagħlim Ibbażat fuq ix-Xogħol u l-Apprendistat, l-apprendistati huma maħsuba għall-korsijiet tal-Livelli 3-4 tal-MQF. L-apprendistati jinvolvu:

- Allokazzjoni ta' apprendist għal programm ta' tagħlim ibbażat fl-iskola f'istituzzjoni edukattiva akkreditata li tinkludi komponent ta' tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol ma' sponsor irreġistrat.

- Programmi li jinkludu apprendistati jwasslu għal kwalifika jew għotja vokazzjonali rikonoxxuta fil-Livell 3 u l-Livell 4 tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki jew simili.

- L-apprendist huwa marbut mal-isponsor bi ftehim ta' taħriġ għal apprendistati kkompilat mill-istituzzjoni edukattiva u l-isponsor.

- L-apprendist jirċievi remunerazzjoni għall-porzjon ta' tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol tal-apprendistat.

- Il-krediti tal-ECTS jiġu allokati minn istituzzjoni edukattiva għar-riżultati tat-tagħlim miksuba matul il-perjodu tax-xogħol u vvalutati bħala parti mill-programm tal-apprendistat.

**Internship:**

It-terminu "internship" jirreferi għal taħriġ li jinvolvi lill-istudenti f'programmi li jinkludu tagħlim ibbażat fl-iskola f'istituzzjoni edukattiva liċenzjata u tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol ma' sponsor irreġistrat (fornitur tal-post tax-xogħol). Programmi li jinkludu internships iwasslu għal kwalifika/għotja rikonoxxuta fil-Livell 5 tal-MQF jew ogħla. L-istudent huwa marbut ma' sponsor bi ftehim ta' taħriġ iffirmat mill-istituzzjoni edukattiva, l-isponsor u l-istudent. Il-krediti tal-ECTS miksuba matul il-perjodu bbażat fuq ix-xogħol jiġu allokati u vvalutati mill-istituzzjoni edukattiva għal riżultati ta' tagħlim speċifikati.

Kif indikat fl-Iskeda 1 tal-Att dwar it-Tagħlim Ibbażat fuq ix-Xogħol u l-Apprendistat, l-internships huma maħsuba għal-Livelli 5 tal-MQF u ogħla. Internships jinvolvu:

- Allokazzjoni ta' intern għal programm ta' tagħlim ibbażat fl-iskola f'istituzzjoni edukattiva akkreditata li tinkludi komponent ta' tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol ma' sponsor irreġistrat.

- Programmi li jinkludu internships iwasslu għal kwalifika jew għotja vokazzjonali jew professjonali rikonoxxuta fil-Livell 5 tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki u ogħla jew simili.

- L-intern huwa marbut mal-isponsor bi ftehim ta' taħriġ għal internships miġbura mill-istituzzjoni edukattiva u l-isponsor.

- L-intern jista' jirċievi remunerazzjoni jew le għall-porzjon tat-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol tal-internship.

- Il-krediti tal-ECTS jew simili jiġu allokati minn istituzzjoni edukattiva għar-riżultati tat-tagħlim miksuba matul il-perjodu tax-xogħol u vvalutati bħala parti mill-programm tal-internship.

# WBL fir-Rapport ta' Referenza tal-2016

Dawn il-Linji Gwida huma allinjati mad-direzzjonijiet ipprovduti fir-Rapport ta' Referenza tal-NCFHE (2016). Kif deskritt fir-rapport, hemm għadd ta' prinċipji li jirfdu t-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol biex jiġi żgurat li l-istudenti jingħataw esperjenza ġenwinament edukattiva. Dawn il-prinċipji jinkludu:

a) WBL jista' jikkostitwixxi biss komponent ta' kors ta' taħriġ, fejn kwalunkwe kors ta' taħriġ li jwassal għal kwalifiki għandu jkollu komponent sinifikanti ta' tagħlim u apprendiment ibbażat fl-iskola.

b) Ir-riżultati kollha tat-tagħlim u l-valur tal-kreditu għad-WBL għandhom jiġu speċifikati b'mod ċar.

c) Għandu jiġi ffirmat ftehim ta' tagħlim li jispeċifika b'mod ċar ir-riżultati tat-tagħlim u l-modalitajiet ta' valutazzjoni sabiex min iħaddem ikun obbligat jipprovdi esperjenzi ta' xogħol li jwasslu għall-iżvilupp tar-riżultati tat-tagħlim identifikati.

d) Il-fornitur edukattiv għandu jimmonitorja l-ambjent tax-xogħol li jesperjenzat l-istudent u jiżgura li dan iwassal għar-riżultati rispettivi tat-tagħlim tal-kors.

e) Il-fornitur edukattiv huwa unikament responsabbli biex jissorvelja l-proċess ta' valutazzjoni.

f) Min iħaddem għandu jipprovdi superviżjoni tal-istudent fuq il-post tax-xogħol. Dan jinkludi ħarrieġ maħtur li jiggwida u jappoġġja lill-istudenti fuq ix-xogħol filwaqt li jiżgura li ma jwettqux kompiti li ma jkunux imħarrġa għalihom.

# Fluss tax-Xogħol tal-Implimentazzjoni tad-WBL Issuġġerit

Din il-flowchart hija ħarsa ġenerali ssuġġerita tal-fluss tax-xogħol tal-proċess għall-implimentazzjoni tad-WBL. Kull kolonna turi l-proċessi għall-partijiet ikkonċernati ewlenin fil-proċess. Dan mhuwiex preskrittiv iżda jipprovdi rappreżentazzjoni viżiva ta' dawn il-Linji Gwida.

| **Learner** | **Student** |
|---|---|
| Learns more about WBL opportunities available | Isir jaf aktar dwar l-opportunitajiet tad-WBL disponibbli |
| Decides on WBL opportunity | Jiddeċiedi dwar opportunità tad-WBL |
| Signs Learning Agreement | Jiffirma l-Ftehim ta' Tagħlim |
| WBL Opportunities | Jibdew l-opportunitajiet tad-WBL |
| Debriefs regularly | Debriefs regolari |
| **Institution** | **Istituzzjoni** |
| Makes WBL part of vision, mission and curricula | Tagħmel id-WBL parti mill-missjoni, viżjoni u kurrikuli |
| Seeks relevant sponsons and maintains database | Tfittex sponsors rilevanti u żżomm bażi tad-data |
| Identifies relevant competencies and pedagogies, and develops curricula accordingly | Tidentifika kompetenzi u pedagoġiji rilevanti, u tiżviluppa l-kurrikuli skont dawn |
| Offers courses with WBL opportunities | Toffri korsijiet b'opportunitajiet ta' WBL |
| Ensures that staff are trained, supported and ready | Tiżgura li l-persunal huwa mħarreġ, appoġġat u lest |
| Creates Learning Agreement | Toħloq Ftehim ta' Tagħlim |
| Provides support for both learners and sponsors | Tipprovdi appoġġ kemm għall-istudenti kif ukoll għall-isponsors |
| Visits workplace and assesses learning and WBL experience | Iżżur postijiet tax-xogħol u tevalwa l-apprendiment u l-esperjenza tad-WBL |
| Makes recommendations and changes as necessary | Tagħmel rakkomandazzjonijiet u bidliet kif meħtieġ |
| **Sponsor** | **Sponsor** |
| Advice on relevance, currency and correctness of course | Jagħti pariri dwar ir-rilevanza, l-attwalità u l-korrettezza tal-kors |
| Receives training and support from institution if necessary | Jirċievi taħriġ u appoġġ mill-istituzzjoni jekk meħtieġ |
| Signes Learning Agreement | Jiffirma l-Ftehim ta' Tagħlim |
| Creates supportive workplace for learners | Joħloq post tax-xogħol ta' appoġġ għall-istudenti |
| Provides feedback about learner and WBL process | Jipprovdi feedback dwar l-istudent u l-proċess tad-WBL |
| **MFHEA** | **MFHEA** |

| | |
|---|---|
| Issues WBL Guidelines | Toħroġ il-Linji Gwid tad-WBL |
| Issues updates, where necessary | Toħroġ aġġornamenti, fejn meħtieġ |
| Reviews institution's WBL processes | Tirrevedi l-proċessi tad-WBL tal-istituzzjoni |
| | |
| Provides info and support | Jipprovdi informazzjoni u appoġġ |

Din flowchart tal-fluss tax-xogħol turi l-Indikaturi tal-Prijoritajiet tal-Kwalità marbuta ma' kull proċedura mill-perspettiva tal-Istituzzjoni Edukattiva.

| **Learner** | **Student** |
|---|---|
| Learns more about WBL opportunities available | Isir jaf aktar dwar l-opportunitajiet tad-WBL disponibbli |
| Decides on WBL opportunity | Jiddeċiedi dwar opportunità tad-WBL |
| Signs Learning Agreement | Jiffirma l-Ftehim ta' Tagħlim |
| WBL Opportunities | Jibdew l-opportunitajiet tad-WBL |
| Debriefs regularly | Jinforma regolarment |
| **Institution** | **Istituzzjoni** |
| Makes WBL part of vision, mission and curricula | Tagħmel id-WBL parti mill-missjoni, viżjoni u kurrikuli |
| Seeks relevant sponsons and maintains database | Tfittex sponsors rilevanti u żżomm bażi tad-data |
| Identifies relevant competencies and pedagogies, and develops curricula accordingly | Tidentifika kompetenzi u pedagoġiji rilevanti, u tiżviluppa l-kurrikuli skont dawn |
| Offers courses with WBL opportunities | Toffri korsijiet b'opportunitajiet ta' WBL |
| Ensures that staff are trained, supported and ready | Tiżgura li l-persunal huwa mħarreġ, appoġġat u lest |
| Creates Learning Agreement | Toħloq Ftehim ta' Tagħlim |
| Provides support for both learners and sponsors | Tipprovdi appoġġ kemm għall-istudenti kif ukoll għall-isponsors |
| Visits workplace and assesses learning and WBL experience | Iżżur postijiet tax-xogħol u tevalwa l-apprendiment u l-esperjenza tad-WBL |
| Makes recommendations and changes as necessary | Tagħmel rakkomandazzjonijiet u bidliet kif meħtieġ |
| **Sponsor** | **Sponsor** |
| Advice on relevance, currency and correctness of course | Jagħti pariri dwar ir-rilevanza, l-attwalità u l-korrettezza tal-kors |
| Receives training and support from institution if necessary | Jirċievi taħriġ u appoġġ mill-istituzzjoni jekk meħtieġ |
| Signes Learning Agreement | Jiffirma l-Ftehim ta' Tagħlim |
| Creates supportive workplace for learners | Joħloq post tax-xogħol ta' appoġġ għall-istudenti |
| Provides feedback about learner and WBL process | Jipprovdi feedback dwar l-istudent u l-proċess tad-WBL |
| | |
| Provides info and support | Jipprovdi informazzjoni u appoġġ |
| Quality indicators | Indikaturi tal-kwalità |

# Prijoritajiet tal-Kwalità għad-WBL

| L-Ewwel Prijorità tal-Kwalità: Governanza Effettiva tat-Tagħlim Ibbażat fuq ix-Xogħol | |
|---|---|
| Standard 1.1 | Il-ġestjoni istituzzjonali tappoġġa d-WBL billi trawwem kultura ta' governanza ta' kwalità fil-livelli kollha. |
| Standard 1.2 | L-istudenti prospettivi jistgħu jagħżlu minn għażla ta' Opportunitajiet ta' Tagħlim Ibbażat fuq ix-Xogħol għall-opportunità ta' apprendiment l-aktar adattat għalihom. |
| Standard 1.3 | Programmi ta' Studju li jinkludu komponent tad-WBL huma ta' kwalità tajba. |
| Standard 1.4 | Korsijiet li jinkludu komponenti tad-WBL huma riveduti b'mod ċikliku matul l-analiżi tad-data u l-feedback. |
| Standard 1.5 | Riżorsi adegwati huma ddedikati għall-implimentazzjoni tad-WBL b'mod effettiv. |

| It-Tieni Prijorità tal-Kwalità: Kollaborazzjoni Attiva Fost il-Partijiet ikkonċernati | |
|---|---|
| Standard 2.1 | L-istituzzjonijiet edukattivi u l-isponsors jikkollaboraw b'mod attiv biex jipprovdu komponent tad-WBL ġenwin u siewi. |
| Standard 2.2 | Ir-responsabilitajiet ta' kull parti kkonċernata huma artikolati b'mod ċar bil-miktub. |

| It-Tielet Prijorità tal-Kwalità: Sistemi Effettivi ta' Appoġġ għall-Istudenti | |
|---|---|
| Standard 3.1 | **L-istudenti huma ppreparati sew qabel jibdew il-kollokamenti f'impjieg tagħhom.** |
| **Standard 3.2** | **L-istudenti huma appoġġjati matul il-kollokamenti f'impjieg tagħhom.** |
| **Standard 3.3** | **Il-ħarrieġa fuq il-post tax-xogħol isostnu l-proċessi ta' tagħlim tal-istudenti.** |

| Ir-Raba' Prijorità tal-Kwalità: Valutazzjoni b'saħħitha tad-WBL | |
|---|---|
| **Standard 4.1** | **Il-programmi ta' studju huma bbażati fuq l-aħjar prattika u kurrikuli bbilanċjati u aġġornati.** |
| **Standard 4.2** | **Hemm fis-seħħ sistemi ta' valutazzjoni validi u affidabbli.** |
| **Standard 4.3** | **L-Għalliema u l-Assessuri huma mħarrġa tajjeb u kkwalifikati kif xieraq biex jappoġġjaw lill-istudenti.** |

# L-Ewwel Prijorità tal-Kwalità: Governanza Effettiva tat-Tagħlim Ibbażat fuq ix-Xogħol

**Għaliex hija importanti?**

Id-dispożizzjoni tad-WBL għandha tiġi rregolata b'mod effettiv minħabba r-rwoli diversi tal-partijiet ikkonċernati (eż. impjegaturi fis-settur privat vs fis-settur pubbliku), rappreżentanti tal-unions, regolamenti dwar l-impjiegi (eż. is-saħħa u s-sigurtà), istituzzjonijiet edukattivi, u l-persunal u l-istudenti tagħhom.

Hemm kunsiderazzjonijiet u riskji addizzjonali fl-integrazzjoni tal-istudenti fl-industrija, meta mqabbla ma' mudelli bbażati kompletament fuq l-iskola fejn it-tagħlim huwa aktar viżibbli, jista' jitkejjel u jiġi kkontrollat. Id-WBL huwa ta' benefiċċju għall-istudenti biss jekk l-opportunitajiet ta' tagħlim ikunu verament validi u rilevanti għalihom.

L-istituzzjonijiet għandhom joffru u jorganizzaw il-kollokamenti f'impjieg b'attenzjoni u jimmonitorjaw il-progress regolarment.

Għandhom jiġu żviluppati ħiliet trasferibbli u speċifiċi għax-xogħol li jkunu utli għall-istudenti fit-tul.

Standards tal-Assigurazzjoni Interna tal-Kwalità Applikabbli tal-MFHEA

Standard 1. Politika għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità
Standard 2: Integrità istituzzjonali
Standard 3. Disinn u approvazzjoni tal-programmi
Standard 4. Apprendiment, tagħlim u valutazzjoni ċċentrati fuq l-istudenti
Standard 7. Riżorsi tat-tagħlim u appoġġ għall-istudenti
Standard 8. L-immaniġġjar tal-informazzjoni
Standard 10. Monitoraġġ kontinwu u reviżjoni perjodika tal-programmi
Standard 11. Assigurazzjoni tal-kwalità esterna ċiklika

| **Standard 1.1 Il-ġestjoni istituzzjonali tappoġġa d-WBL billi trawwem kultura ta' governanza ta' kwalità fil-livelli kollha.** |
|---|
| **Indikaturi tal-Kwalità għall-Istandard 1.1**<br><br>● Id-WBL jifforma parti mill-viżjoni u l-missjoni tal-istituzzjoni.<br>● Id-dokumenti strateġiċi u ta' politika jinkludu enfasi fuq il-kwalità tal-korsijiet bil-komponenti tad-WBL.<br>● Politika ta' assigurazzjoni tal-kwalità tkopri korsijiet li jinkludu komponenti tad-WBL.<br>● L-istituzzjoni timmaniġġja u tibbaġitja għal korsijiet tad-WBL f'kapaċità ddedikata.<br>● Ir-reviżjonijiet ċikliċi interni tal-korsijiet li jinkludu l-komponenti tad-WBL tlestew. |

## Kif tidher prattika tajba għall-Istandard 1.1?

Il-proċessi tad-WBL jitqiesu li huma fil-parametri ta' prattika tajba meta l-partijiet ikkonċernati jkunu qed iwettqu l-kompiti li ġejjin u meta tkun preżenti evidenza ċara kif indikat hawn taħt.

| Standard 1.1 | L-Istituzzjoni |
|---|---|
| **Il-ġestjoni istituzzjonali tappoġġa d-WBL billi trawwem kultura ta' governanza ta' kwalità fil-livelli kollha.** | ☐ tagħmel id-WBL parti mill-viżjoni u l-missjoni tagħha.<br>☐ għandha dokumenti strateġiċi u ta' politika b'enfasi fuq id-WBL.<br>☐ għandha politika ta' assigurazzjoni tal-kwalità għad-WBL.<br>☐ timmaniġġja u tibbaġitja għal korsijiet tad-WBL. |
| **Evidenza** | ☐ Impenn li jidher għad-WBL fil-politiki u l-ibbaġitjar.<br>☐ Politika u proċeduri ta' assigurazzjoni tal-kwalità għad-WBL. |

**Standard 1.2 L-istudenti prospettivi jistgħu jagħżlu minn għażla ta' Opportunitajiet ta' Tagħlim ibbażat fuq ix-Xogħol għall-opportunità ta' tagħlim l-aktar adatta għalihom.**

**Indikaturi tal-Kwalità għall-Istandard 1.2**

- L-istituzzjoni żżomm bażi tad-data ta' kumpaniji u l-opportunitajiet ta' tagħlim offruti.
- L-istudenti prospettivi jistgħu jaċċessaw informazzjoni rilevanti dwar korsijiet b'komponenti tad-WBL online biex jieħdu deċiżjoni meqjusa dwar ir-reġistrazzjoni.
- L-istudenti prospettivi jingħataw informazzjoni dwar il-kumpaniji, inklużi esperjenzi negattivi u pożittivi minn studenti tal-passat, rati ta' suċċess fit-tlestija tal-kors, tip ta' xogħol, probabilità tal-għażla, u l-proporzjon ta' sigħat ibbażati fuq ix-xogħol meta mqabbel mas-sigħat l-iskola.
- L-istudenti jistgħu jitqabblu mal-postijiet tax-xogħol tagħhom skont l-aspettattivi tal-isponsor.
- L-isponsors huma involuti fil-proċess tal-għażla biex itejbu aktar l-idoneità mal-post tax-xogħol.
- L-eżerċizzju tal-għażla jistabbilixxi t-tħejjija u l-kapaċità tal-istudenti biex jidħlu fix-xogħol, il-motivazzjoni tagħhom, u l-affinità tagħhom għas-settur tal-industrija magħżul.
- Gwida ta' Appoġġ hija offruta lil dawk li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-għażla.
- L-impjegaturi li jipprovdu kollokamenti f'impjieg tad-WBL ta' kwalità huma rikonoxxuti kif xieraq, pereżempju, permezz tal-istabbiliment ta' marka/għotja ta' kwalità bbażata fuq l-istituzzjoni.

## Kif tidher prattika tajba għall-Istandard 1.2?

Il-proċessi tad-WBL jitqiesu li huma fil-parametri ta' prattika tajba meta l-partijiet ikkonċernati jkunu qed iwettqu l-kompiti li ġejjin u meta tkun preżenti evidenza ċara kif indikat hawn taħt.

| Standard 1.2 | L-istituzzjoni | L-Istudent |
|---|---|---|
| **L-istudenti prospettivi jistgħu jagħżlu minn għażla ta' Opportunitajiet ta' Tagħlim Ibbażat fuq ix-Xogħol għall-opportunità ta' tagħlim l-aktar adattata għalihom.** | ☐ iżżomm bażi ta' data ta' kumpaniji u opportunitajiet ta' tagħlim.<br>☐ hija involuta fil-kriterji tal-għażla u/jew tqabbel l-istudenti mal-opportunitajiet tad-WBL.<br>☐ tipprovdi programmi ta' kumpens għall-istudenti li ma jissodisfawx il-kriterji tal-għażla.<br>☐ tirrikonoxxi lil min iħaddem li jipprovdu WBL ta' kwalità. | ☐ jista' juża l-bażi tad-data bħala għodda deċiżiva qabel jirreġistra f'kors.<br>☐ jista' jaċċessa l-bażi tad-data biex jieħu deċiżjonijiet infurmati dwar fejn irid jagħmel id-WBL.<br>☐ jista' juża apoġġ jew parir mill-istituzzjoni biex jieħu deċiżjoni. |
| **Evidenza** | ☐ Bażi ta' data tal-isponsors tad-WBL.<br>☐ Proċeduri ta' mistoqsijiet, sodisfazzjon u appoġġ tad-WBL għall-istudenti.<br>☐ Skema ta' rikonoxximent tal-isponsors ta' kwalità. | ☐ Id-disponibilità u l-aċċess għall-informazzjoni tal-isponsor tad-WBL.<br>☐ Persunal imħarreġ biex jassisti, jagħti pariri u jappoġġja lill-istudenti. |

| **Standard 1.3 Programmi ta' Studju li jinkludu komponent tad-WBL huma ta' kwalità tajba.** |
|---|
| **Indikaturi tal-Kwalità għall-Istandard 1.3**<br><br>● Il-programmi ta' studju jikkonformaw bis-sħiħ mal-Qafas Malti tal-Kwalifiki (MQF) u l-Att dwar it-Tagħlim Ibbażat fuq ix-Xogħol u l-Apprendistat (2018).<br>● L-isponsors li joffru WBL jiġu vverifikati bir-reqqa permezz ta' proċess ċar u xieraq. Fatturi kkunsidrati jinkludu jekk l-isponsor jistax jgħallem il-ħiliet meħtieġa, l-adegwatezza tal-kollokament f'impjieg f'termini ta' rekwiżiti leġiżlattivi, u d-disponibilità ta' tagħmir, faċilitajiet, materjali u persunal imħarreġ xieraq biex jissorveljaw lill-istudenti. Il-kwistjonijiet tas-Saħħa u s-Sigurtà jiġu kkunsidrati.<br>● Komponenti bbażati fuq l-iskola għandhom iħejju lill-istudenti għal komponenti bbażati fuq il-prattika.<br>● L-istituzzjonijiet jimmonitorjaw l-ambjent tax-xogħol tal-istudenti tagħhom regolarment biex jiżguraw li dan iwassal għat-tagħlim. |

## Kif tidher prattika tajba għall-Istandard 1.3?

Il-proċessi tad-WBL jitqiesu li huma fil-parametri ta' prattika tajba meta l-partijiet ikkonċernati jkunu qed iwettqu l-kompiti li ġejjin u meta tkun preżenti evidenza ċara kif indikat hawn taħt.

| **Standard 1.3** | **L-istituzzjoni** |
|---|---|
| **Programmi ta' Studju li jinkludu komponent tad-WBL huma ta' kwalità tajba.** | ☐ tiżgura li l-programmi ta' studju jikkonformaw mal-MQF u l-Att dwar it-Tagħlim Ibbażat fuq ix-Xogħol u l-Apprendistat.<br>☐ toħloq komponenti bbażati fuq l-iskola li jħejju lill-istudenti għal komponenti bbażati fuq il-prattika.<br>☐ tivverifika bir-reqqa lill-isponsors tad-WBL permezz ta' proċess ċar.<br>☐ timmonitorja l-ambjent tax-xogħol biex jtżgura li jwassal għat-tagħlim. |
| **Evidenza** | ☐ Disinn u żvilupp ta' korsijiet li jintegraw id-WBL fil-kontenut akkademiku.<br>☐ Il-proċess u l-proċeduri tal-verifika tal-isponsors tad-WBL u l-monitoraġġ tal-ambjent tad-WBL. |

| **Standard 1.4 Il-korsijiet li jinkludu l-komponenti tad-WBL jiġu riveduti b'mod ċikliku permezz tal-analiżi tad-data u l-ġbir tal-feedback.** |
|---|
| **Indikaturi tal-Kwalità għall-Istandard 1.4**<br><br>● Il-korsijiet tad-WBL u l-partijiet ikkonċernati jiġu riveduti internament u esternament permezz ta' mekkaniżmi ta' assigurazzjoni tal-kwalità.<br>● L-istituzzjoni tassenja unità/persuna speċifika biex tiġbor u tanalizza d-data mingħand sponsors, studenti u partijiet ikkonċernati oħra.<br>● Sistemi ta' reviżjoni interna kontinwi jikkunsidraw aspetti bħal ġestjoni ġenerali, riżorsi umani u materjali, għarfien espert (pedagoġija, disinn tal-kors, IT, assigurazzjoni tal-kwalità) u kultura organizzattiva (mentalità, tmexxija, kwalità, integrità).<br>● Ir-reviżjonijiet jiżguraw li l-istudenti jiżviluppaw l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi mistennija kemm mill-komponenti bbażati fuq ix-xogħol kif ukoll ibbażati fl-iskola, u li l-kontenut tal-kors huwa rilevanti.<br>● L-isponsors jiġu riveduti biex jiżguraw li jissodisfaw ir-responsabilitajiet tagħhom u jipprovdu lill-istudenti tad-WBL b'opportunità ta' tagħlim ottima.<br>● Feedback mill-partijiet ikkonċernati kollha huwa mħeġġeġ fl-istadji kollha tal-implimentazzjoni tal-programm. |

## Kif tidher prattika tajba għall-Istandard 1.4?

Il-proċessi tad-WBL jitqiesu li huma fil-parametri ta' prattika tajba meta l-partijiet ikkonċernati jkunu qed iwettqu l-kompiti li ġejjin u meta tkun preżenti evidenza ċara kif indikat hawn taħt.

| **Standard 1.4** | **L-istituzzjoni** |
|---|---|
| **Il-korsijiet li jinkludu l-komponenti tad-WBL jiġu riveduti b'mod ċikliku permezz tal-analiżi tad-data u l-ġbir tal-feedback.** | ☐ tirrevedi korsijiet tad-WBL u l-partijiet ikkonċernati, internament u esternament, għall-kwalità.<br>☐ tqis l-aspetti kollha tad-WBL, inkluża l-pedagoġija, id-disinn tal-korsijiet, il-kultura organizzattiva, it-teknoloġija, eċċ.<br>☐ tiżgura li l-istudenti jiżviluppaw l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi mistennija.<br>☐ tiżgura li l-isponsors jissodisfaw ir-responsabilitajiet tagħhom bl-aħjar mod.<br>☐ tikseb feedback mill-partijiet ikkonċernati kollha. |
| **Evidenza** | ☐ Reviżjoni komprensiva u proċess ta' titjib għal korsijiet b'komponenti tad-WBL. |

**Standard 1.5 Riżorsi adegwati huma ddedikati għall-implimentazzjoni tad-WBL b'mod effettiv.**

**Indikaturi tal-Kwalità għall-Istandard 1.5**

- Hemm politika u baġit ċar għall-ħolqien u l-appoġġ tal-infrastruttura meħtieġa għall-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, il-valutazzjoni u l-appoġġ tal-istudenti tad-WBL.
- Politiki ċari jkopru kwistjonijiet bħal żjarat fuq il-post tax-xogħol, laqgħat regolari, imġiba professjonali matul id-WBL, u l-proprjetà intellettwali.
- Tali politiki huma riveduti u aġġornati regolarment, u l-persunal u l-istudenti kollha huma konxji minnhom.
- L-istrateġiji tat-tagħlim u tal-valutazzjoni huma allinjati mill-qrib mal-implimentazzjoni tal-komponenti tad-WBL.
- It-teknoloġija tista' tintuża biex timplimenta korsijiet b'komponent tad-WBL (eż. parti jew il-komponent kollu bbażat fl-iskola jista' jiġi implimentat direttament online jew b'mod asinkroniku).
- Ir-riżorsi għall-amministrazzjoni, it-tagħlim akkademiku u l-valutazzjoni huma żviluppati b'mod professjonali u maqsuma online mal-membri kollha tal-persunal u l-istudenti, kif xieraq.

## Kif tidher prattika tajba għall-Istandard 1.5?

Il-proċessi tad-WBL jitqiesu li huma fil-parametri ta' prattika tajba meta l-partijiet ikkonċernati jkunu qed iwettqu l-kompiti li ġejjin u meta tkun preżenti evidenza ċara kif indikat hawn taħt.

| **Standard 1.5** | **L-istituzzjoni** |
| --- | --- |
| **Riżorsi adegwati huma ddedikati għall-implimentazzjoni tad-WBL b'mod effettiv.** | ☐ għandha politiki ċari u l-baġit għall-ħolqien u l-appoġġ ta' opportunitajiet ta' WBL.<br>☐ tirrevedi u taġġorna l-politiki tad-WBL tagħha regolarment.<br>☐ tallinja l-istrateġiji tat-tagħlim mal-komponenti tad-WBL.<br>☐ tiżviluppa u taqsam ir-riżorsi għall-amministrazzjoni, it-tagħlim u l-valutazzjoni mal-persunal u l-istudenti kollha.<br>☐ tuża teknoloġija biex timplimenta komponenti tad-WBL, fejn possibbli. |
| **Evidenza** | ☐ Politiki u proċeduri fis-seħħ għar-riżorsi tad-WBL f'konformità mal-istrateġiji tat-tagħlim u l-apprendiment. |

# It-Tieni Prijorità tal-Kwalità: Kollaborazzjoni Attiva Fost il-Partijiet ikkonċernati

| |
|---|
| **Għaliex hija Importanti?**<br><br>Aktar ma tkun b'saħħitha l-kollaborazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati, aktar jitħaddmu bla xkiel l-opportunitajiet ta' tagħlim ibbażati fuq ix-xogħol (WBL).<br><br>Dan jista' jsir permezz ta' tqassim ibbilanċjat tar-responsabilitajiet, impenn biex jiġu ssodisfati r-responsabilitajiet bl-aħjar kapaċitajiet, u ftehimiet artikulati b'mod ċar. |
| Standards tal-Assigurazzjoni Interna tal-Kwalità Applikabbli tal-MFHEA |
| Standard 2: Integrità istituzzjonali<br>Standard 7. Riżorsi tat-tagħlim u appoġġ għall-istudenti<br>Standard 10. Monitoraġġ kontinwu u reviżjoni perjodika tal-programmi |

| **Standard 2.1 L-istituzzjonijiet edukattivi u l-isponsors jikkollaboraw b'mod attiv biex jipprovdu komponent tad-WBL ġenwin u siewi.** |
|---|
| **Indikaturi tal-Kwalità għall-Istandard 2.1**<br><br>● L-istituzzjonijiet jaħdmu b'mod attiv biex ifittxu u jikkollaboraw ma' sponsors għall-benefiċċju tal-istudenti.<br>● L-isponsors huma infurmati dwar il-benefiċċji, ir-responsabilitajiet u l-appoġġ disponibbli meta jieħdu l-istudenti għall-kollokamenti f'impjieg tad-WBL.<br>● Jinżamm djalogu kontinwu u trasparenti bejn l-imsieħba kollha tal-kollokament f'impjieg (inklużi r-rappreżentanti tal-impjegati, l-assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem, MCCEI).<br>● L-isponsors huma involuti fit-tfassil tal-kurrikulu, l-iżvilupp tal-korsijiet, u l-għażla.<br>● L-isponsors huma appoġġjati b'organizzazzjoni ta' ħarrieġa u taħriġ, ħidma amministrattiva relatata mad-WBL, u kwistjonijiet oħra.<br>● L-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, l-isponsors għall-ewwel darba, u dawk li jaħdmu maż-żgħażagħ żvantaġġati huma appoġġjati wkoll biex iżidu d-disponibilità u d-diversità tal-kollokamenti f'impjieg.<br>● Arranġamenti istituzzjonali bil-miktub u ftehimiet bejn l-istituzzjonijiet u l-isponsors juru distribuzzjoni ċara u bbilanċjata tar-responsabilitajiet.<br>● Kemm l-istituzzjonijiet kif ukoll l-isponsors għandhom mekkaniżmi ta' assigurazzjoni tal-kwalità li jiżguraw it-tagħlim.<br>● Partijiet ikkonċernati oħra involuti jinkludu ministeri, awtoritajiet tal-edukazzjoni, entitajiet li jagħmlu l-għotjiet, kmamar tal-kummerċ, korpi professjonali, assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem, u kumpaniji privati. |

## Kif tidher prattika tajba għall-Istandard 2.1?

Il-proċessi tad-WBL jitqiesu li huma fil-parametri ta' prattika tajba meta l-partijiet ikkonċernati jkunu qed iwettqu l-kompiti li ġejjin u meta tkun preżenti evidenza ċara kif indikat hawn taħt.

| Standard 2.1 | L-istituzzjoni | L-Isponsor |
|---|---|---|
| **L-istituzzjonijiet edukattivi u l-isponsors jikkollaboraw b'mod attiv biex jipprovdu komponent tad-WBL ġenwin u siewi.** | ☐ tfittex u tikkollabora b'mod attiv ma' sponsors għall-benefiċċju tal-istudenti.<br>☐ iżżomm djalogu kontinwu bejn l-imsieħba kollha tad-WBL (inklużi r-rappreżentanti tal-impjegati, l-assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem, MCCEI).<br>☐ tipprovdi programmi ta' kumpens għall-istudenti li ma jissodisfawx il-kriterji tal-għażla.<br>☐ toħloq ftehimiet bil-miktub ma' sponsors b'distribuzzjoni ċara u bbilanċjata tar-responsabilitajiet. | ☐ jiġi infurmat dwar il-benefiċċji, ir-responsabilitajiet, u l-appoġġ disponibbli għall-kollokamenti f'impjieg tad-WBL.<br>☐ huwa involut fit-tfassil u l-iżvilupp tal-kurrikulu/kors, u l-għażla.<br>☐ huwa appoġġjat b'ħarrieġa u taħriġ, ħidma amministrattiva relatata mad-WBL, u kwistjonijiet oħra.<br>☐ għandu mekkaniżmi ta' assigurazzjoni tal-kwalità li jiżguraw l-apprendiment. |
| **Evidenza** | ☐ Evidenza ta' kollaborazzjoni bejn partijiet ikkonċernati differenti.<br>☐ Proċess għad-delineazzjoni tar-responsabilitajiet.<br>☐ Għażliet alternattivi għall-istudenti. | ☐ Pakkett ta' informazzjoni jew proċedura għal sponsors ġodda.<br>☐ Sistema ta' appoġġ u assistenza għall-isponsors ta' kull daqs. |

**Standard 2.2 Ir-responsabilitajiet ta' kull parti kkonċernata huma artikolati b'mod ċar bil-miktub.**

**Indikaturi tal-Kwalità għall-Istandard 2.2**

- Jiġi ffirmat Ftehim ta' Tagħlim għal kull kollokament f'impjieg li jiddeskrivi b'mod ċar ir-relazzjoni bejn l-istituzzjoni, l-isponsor u l-istudent.
- L-isponsors jingħataw linji gwida, politiki u proċeduri li jiddeskrivu r-rekwiżiti tal-kwalifiki u l-ħiliet vis-à-vis ir-riżultati tat-tagħlim rispettivi.
- Jiġu kkunsidrati għażliet alternattivi bħall-qsim strutturat tal-istudenti, skemi ta' rotazzjoni tal-kollokament jew skemi ta' taħriġ bejn il-kumpaniji.
- L-isponsors jingħataw infurmati wara l-kollokamenti f'impjieg biex jirrevedu u jindirizzaw il-kwistjonijiet.
- L-istudenti jingħataw informazzjoni wara l-kollokamenti f'impjieg biex jirrevedu dak li tgħallmu u jindirizzaw kwalunkwe kwistjonijiet.

## Kif tidher prattika tajba għall-Istandard 2.2?

Il-proċessi tad-WBL jitqiesu li huma fil-parametri ta' prattika tajba meta l-partijiet ikkonċernati jkunu qed iwettqu l-kompiti li ġejjin u meta tkun preżenti evidenza ċara kif indikat hawn taħt.

| Standard 2.2 | L-istituzzjoni | L-Isponsor |
|---|---|---|
| **Ir-responsabilitajiet ta' kull parti kkonċernata huma artikolati b'mod ċar bil-miktub.** | ☐ toħloq Ftehim ta' Tagħlim li jiddeskrivi r-relazzjoni bejn l-istituzzjoni, l-isponsor u l-istudent.<br>☐ tiżgura li l-Ftehimiet ta' Tagħlim jinftiehmu u jiġu ffirmati mill-partijiet kollha.<br>☐ tipprovdi għażliet alternattivi bħall-qsim strutturat tal-istudenti, skemi ta' rotazzjoni tal-kollokament jew skemi ta' taħriġ bejn il-kumpaniji.<br>☐ tappoġġja intrapriżi mikro, żgħar u/jew ta' daqs medju, sponsors għall-ewwel darba, u dawk li jaħdmu ma' studenti żvantaġġati biex iżidu d-disponibilità u d-diversità tal-opportunitajiet.<br>☐ tgħarraf lill-istudenti wara l-kollokamenti biex jirrevedu u jindirizzaw kwistjonijiet. | ☐ jirċievi linji gwida, politiki u proċeduri li jiddeskrivu r-rekwiżiti tal-kwalifiki u l-ħiliet bir-riżultati tat-tagħlim.<br>☐ jirċievi appoġġ għall-ħolqien tal-appoġġ amministrattiv u tat-tagħlim it-tajjeb għall-kollokamenti f'impjieg tad-WBL.<br>☐ jipparteċipa f'debriefs wara l-kollokamenti biex jirrevedi u jindirizza kwistjonijiet. |
| **Evidenza** | ☐ Kampjun ta' Ftehimiet ta' Tagħlim.<br>☐ Proċess ta' informazzjoni kemm għall-istudenti kif ukoll għall-isponsors. | ☐ Pakkett għall-onboarding u/jew taħriġ għall-isponsors. |

# It-Tielet Prijorità tal-Kwalità: Sistemi Effettivi ta' Appoġġ għall-Istudenti

| |
|---|
| **Għaliex hija importanti?**<br><br>Appoġġ attiv għall-istudenti jista' jgħin proporzjon ogħla ta' studenti jibbenefikaw minn opportunitajiet tad-WBL u jnaqqas ir-rata ta' tluq bikri mill-kors. L-istudenti għandhom ikunu ppreparati sew għall-kollokament tagħhom saħansitra qabel jibdew.<br><br>Gwida effettiva tal-karriera tista' tgħin lill-istudenti jagħżlu t-triq tal-karriera li timmotivahom l-aktar u li hija l-aktar adattata. Appoġġ kontinwu u mmirat matul il-kollokament huwa meħtieġ biex jiġi żgurat is-suċċess għall-istudenti. |
| Standards tal-Assigurazzjoni Interna tal-Kwalità Applikabbli tal-MFHEA |
| Standard 1. Politika għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità<br>Standard 3. Disinn u approvazzjoni tal-programmi<br>Standard 4. Apprendiment, tagħlim u valutazzjoni ċċentrati fuq l-istudenti<br>Standard 5. Ammissjoni, progressjoni, rikonoxximent u ċertifikazzjoni tal-istudent<br>Standard 7. Riżorsi tat-tagħlim u appoġġ għall-istudenti<br>Standard 8. L-immaniġġjar tal-informazzjoni |

| **Standard 3.1 L-istudenti huma ppreparati sew qabel jibdew il-kollokamenti f'impjieg tagħhom.** |
|---|
| **Indikaturi tal-Kwalità għall-Istandard 3.1**<br><br>● L-istituzzjonijiet jipprovdu gwida tal-karriera ta' kwalità għolja biex jgħinu lill-istudenti jagħżlu l-kollokament f'impjieg li jaqbel l-aħjar mal-kapaċitajiet tagħhom.<br>● L-assoċjazzjonijiet settorjali jistgħu jintalbu jassistu f'din il-kwistjoni.<br>● L-istituzzjonijiet jiżguraw li l-istudenti jkollhom il-livell ta' ħiliet u kompetenzi mistennija mill-isponsors. Dan jinkludi ħiliet tax-xogħol trasferibbli bħall-etika tax-xogħol, il-ħiliet ta' komunikazzjoni, iż-żamma tal-ħin, ix-xogħol f'tim, is-soluzzjoni tal-problemi u l-ġestjoni tal-istress.<br>● L-istudenti huma ppreparati soċjalment, prattikament u psikoloġikament biex jissodisfaw l-aspettattivi tal-isponsor tagħhom sabiex ma jiġux skoraġġuti fl-ewwel intopp żgħir.<br>● Il-litteriżmu, in-numeriżmu u l-ħiliet diġitali tal-istudenti huma proporzjonati għall-post tax-xogħol prospettiv tagħhom. Dan huwa importanti wkoll għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid fil-ġejjieni.<br>● L-istudenti jiġu offruti modulu tal-ħiliet tal-istudju fil-bidu tal-kors tagħhom. |

## Kif tidher prattika tajba għall-Istandard 3.1?

Il-proċessi tad-WBL jitqiesu li huma fil-parametri ta' prattika tajba meta l-partijiet ikkonċernati jkunu qed iwettqu l-kompiti li ġejjin u meta tkun preżenti evidenza ċara kif indikat hawn taħt.

| Standard 3.1 | L-istituzzjoni | L-Istudent |
|---|---|---|
| **L-istudenti huma ppreparati sew qabel jibdew il-kollokamenti f'impjieg tagħhom.** | ☐ tipprovdi lill-istudenti bi gwida tal-karriera ta' kwalità għolja għall-għażla tal-opportunità tal-aħjar WBL.<br>☐ tista' titlob lill-assoċjazzjonijiet settorjali jassistu f'dan.<br>☐ tiżgura li l-istudenti jkollhom il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa mistennija mill-isponsors. | ☐ huwa ppreparat soċjalment, prattikament u psikoloġija għad-WBL.<br>☐ irid ikollu l-litteriżmu, in-numeriżmu u l-ħiliet diġitali proporzjonati meħtieġa għall-opportunità tad-WBL.<br>☐ jista' jagħmel modulu ta' ħiliet ta' studju fil-bidu tal-kors tagħhom. |
| **Evidenza** | ☐ Riżorsi ta' gwida u/jew persunal.<br>☐ Proċess li jevalwa l-ħiliet, l-abilitajiet, il-kapaċità u l-idoneità tal-istudenti għall-opportunità tad-WBL.<br>☐ Modulu tal-Ħiliet tal-Istudju huwa disponibbli. | ☐ Riżorsi u persunal biex jieħdu ħsieb il-ħtiġijiet pastorali, il-benesseri u l-ħiliet, fejn meħtieġ. |

**Standard 3.2 L-istudenti huma appoġġjati matul il-kollokamenti f'impjieg tagħhom.**

**Indikaturi tal-Kwalità għall-Istandard 3.2**

- Punt ta' referenza (unità jew persuna) huwa stabbilit biex jinforma lill-partijiet kollha għall-Ftehim ta' Tagħlim bid-drittijiet u r-responsabilitajiet tagħhom u jappoġġahom f'każ ta' problemi.
- Kemm l-istituzzjonijiet kif ukoll l-isponsors jgħinu lill-istudenti jipperċepixxu x-xogħol tagħhom bħala sinifikanti, jibqgħu kunfidenti, impenjati u motivati, u jsostnu sens ta' progress u kisba.
- L-isponsors joħolqu post tax-xogħol ta' appoġġ u rispett u jiżguraw li l-kollegi tax-xogħol, il-ħarrieġa u l-maniġers intermedji jipprovdu lill-istudent b'taħriġ xieraq u feedback kostruttiv.
- Hemm kanali ta' komunikazzjoni u mekkaniżmi ta' feedback ċari.
- L-istituzzjonijiet jipprovdu appoġġ ta' konsulenza għal kwistjonijiet ta' benessri u saħħa mentali li jinqalgħu waqt il-kollokament fuq ix-xogħol jew fil-klassi jew jirreferuhom lil professjonisti kkwalifikati.
- L-isponsors għandhom sistema ta' appoġġ għall-istudenti għal kwistjonijiet relatati mal-post tax-xogħol.
- Il-partijiet ikkonċernati jingħataw informazzjoni dwar kif jaċċessaw jew jimplimentaw mekkaniżmi ta' appoġġ.
- L-għalliema tal-kors jirċievu l-iżvilupp professjonali pedagoġiku meħtieġ biex jifhmu kif jimplimentaw u jivvalutaw id-WBL.
- L-istituzzjonijiet ineħħu lill-istudenti minn sitwazzjonijiet negattivi jew mhux konduttivi fuq il-post tax-xogħol hekk kif dan jinġieb għall-attenzjoni tagħhom.

## Kif tidher prattika tajba għall-Istandard 3.2?

Il-proċessi tad-WBL jitqiesu li huma fil-parametri ta' prattika tajba meta l-partijiet ikkonċernati jkunu qed iwettqu l-kompiti li ġejjin u meta tkun preżenti evidenza ċara kif indikat hawn taħt.

| Standard 3.2 | L-istituzzjoni | L-Isponsor |
|---|---|---|
| **L-istudenti huma appoġġjati matul il-kollokamenti f'impjieg tagħhom.** | ☐ tistabbilixxi punt (jew persuna) ta' referenza bejn il-partijiet kollha għall-Ftehim ta' Tagħlim<br>☐ flimkien ma' sponsors, tgħin lill-istudenti jibqgħu kunfidenti, impenjati u motivati fl-impjiegi tagħhom.<br>☐ tipprovdi lill-għalliema tal-kors bi żvilupp pedagoġiku dwar l-implimentazzjoni u l-valutazzjoni tad-WBL.<br>☐ tneħħi lill-istudenti minn sitwazzjonijiet negattivi jew mhux konduttivi fuq il-post tax-xogħol.<br>☐ tipprovdi appoġġ ta' konsulenza għal kwistjonijiet ta' saħħa mentali jew ta' benesseri. | ☐ joħloq post tax-xogħol ta' appoġġ u rispett fejn il-kollegi tax-xogħol, il-ħarrieġa u l-maniġers kollha jipprovdu taħriġ u feedback ċar.<br>☐ jipprovdi mekkaniżmi ta' komunikazzjoni u feedback ċari u aċċessibbli.<br>☐ għandu sistema ta' appoġġ għall-istudenti għal kwistjonijiet relatati mal-post tax-xogħol. |
| **Evidenza** | ☐ Persunal jew dipartiment ta' appoġġ għal kwistjonijiet tad-WBL, inkluż servizz ta' konsulenza.<br>☐ Skema għall-iżvilupp professjonali tal-għalliema vis-à-vis id-WBL.<br>☐ Proċess ta' salvagwardja għall-parteċipanti u l-isponsors tad-WBL. | ☐ Proċess u proċeduri fis-seħħ għand l-isponsor tal-parteċipanti tad-WBL. |

**Standard 3.3 Ħarrieġa fuq il-post tax-xogħol isostnu l-proċess ta' tagħlim tal-istudenti.**

**Indikaturi tal-Kwalità għall-Istandard 3.3**

- L-istituzzjonijiet jiżguraw li l-isponsors ikollhom riżorsi umani adegwati biex jiggwidaw, iħarrġu, jappoġġjaw u jinkoraġġixxu lill-istudenti biex jissodisfaw il-Ftehim ta' Tagħlim.
- Ħarrieġa maħtura biex jissorveljaw u jiggwidaw lill-istudenti għandhom esperjenza ta' xogħol u taħriġ rilevanti.
- L-istituzzjonijiet jistgħu jiżviluppaw korsijiet professjonali *ad-hoc* għall-ħarrieġa fuq il-post tax-xogħol dwar ħiliet pedagoġiċi, il-qafas legali tad-WBL, u r-riżultati tat-tagħlim li l-istudenti huma mistennija jilħqu.
- Il-ħarrieġa jiżguraw li l-istudenti jkunu mħarrġa tajjeb u jifhmu komponenti differenti tax-xogħol qabel ma jiġu assenjati kompiti speċifiċi.
- L-isponsors joħolqu ambjent tax-xogħol li jinkoraġġixxi lill-istudenti tad-WBL jieħdu xi responsabilità u jsolvu problemi waħedhom.
- L-istituzzjonijiet u l-isponsors jikkollaboraw biex joffru taħriġ aġġornat u żvilupp professjonali kontinwu kemm lill-għalliema tal-istituzzjoni kif ukoll lill-ħarrieġa tal-isponsor.

## Kif tidher prattika tajba għall-Istandard 3.3 look like?

Il-proċessi tad-WBL jitqiesu li huma fil-parametri ta' prattika tajba meta l-partijiet ikkonċernati jkunu qed iwettqu l-kompiti li ġejjin u meta tkun preżenti evidenza ċara kif indikat hawn taħt.

| Standard 3.3 | L-istituzzjoni | L-Isponsor |
|---|---|---|
| **Il-ħarrieġa fuq il-post tax-xogħol isostnu l-progress fit-tagħlim tal-istudenti.** | ☐ tiżgura li l-ħarrieġa kollha li jissorveljaw u jiggwidaw lill-istudenti jkunu esperjenzati u kkwalifikati b'mod xieraq.<br>☐ tista' tiżviluppa korsijiet *ad hoc* għall-għalliema u l-ħarrieġa fuq il-post tax-xogħol dwar il-pedgoġija, oqfsa tad- WBL, valutazzjoni, eċċ.<br>☐ tikkollabora ma' sponsors biex toffri żvilupp professjonali kontinwu għal min iħarreġ u l-għalliema. | ☐ għandu riżorsi umani adegwati biex jgħin, iħarreġ u jappoġġja lill-istudenti.<br>☐ jiżgura li l-istudenti jkunu mħarrġa sew qabel ma jassenjawhom għal kompiti reali.<br>☐ joħloq ambjent tax-xogħol li jinkoraġġixxi lill-istudenti jkunu responsabbli u jsolvu l-problemi waħedhom fejn possibbli. |
| **Evidenza** | ☐ Salvagwardji għat-twettiq tal-Ftehim ta' Tagħlim.<br>☐ Proċess u proċeduri kontinwi għal ħarrieġa bbażati fuq l-isponsor u għalliema istituzzjonali biex jgħinuhom jiżviluppaw professjonalment. | ☐ Eżempji ta' studenti li jitħallew jaħsbu u jieħdu azzjonijiet indipendenti biex isolvu l-problemi. |

# Ir-Raba’ Prijorità tal-Kwalità: Valutazzjoni b’saħħitha tad-WBL

| |
|---|
| **Għaliex hija importanti?**<br><br>Il-forniment tad-WBL għandu jiġi mmaniġġjat b’mod robust permezz ta’ monitoraġġ u valutazzjoni regolari. Il-programmi ta’ studju jeħtieġ li jkunu aġġornati u jindirizzaw il-ħtiġijiet preżenti (u futuri) tal-industrija. L-istituzzjonijiet edukattivi għandhom jiffukaw fuq riżultati konkreti ta’ tagħlim u apprendiment għal tagħlim ibbażat fl-iskola, ibbażat fuq ix-xogħol, u possibbilment online.<br><br>Sistema ta’ valutazzjoni effettiva tinkludi l-approċċ, il-proċessi u l-proċeduri t-tajba fi sforz ikkoordinat minn assessuri esperti kkwalifikati u b’esperjenza. Fl-aħħar mill-aħħar, l-għan huwa li tappoġġja lill-istudenti biex jiżviluppaw il-ħiliet u l-kapaċitajiet meħtieġa li se jagħtuhom suċċess fit-tul fil-karrieri tagħhom. |
| Standards tal-Assigurazzjoni Interna tal-Kwalità Applikabbli tal-MFHEA |
| Standard 1. Politika għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità<br>Standard 3. Disinn u approvazzjoni tal-programmi<br>Standard 4. Apprendiment, tagħlim u valutazzjoni ċċentrati fuq l-istudenti.<br>Standard 10. Monitoraġġ kontinwu u reviżjoni perjodika tal-programmi |

**Standard 4.1 Il-programmi ta’ studju huma bbażati fuq l-aħjar prattika u kurrikuli bbilanċjati u aġġornati.**

**Indikaturi tal-Kwalità għall-Istandard 4.1**

- Il-programmi ta’ studju jiġu aġġornati regolarment skont l-industrija kkonċernata.
- Il-kurrikuli jirriflettu kwistjonijiet bħal standards edukattivi jew okkupazzjonali ġodda, direzzjonijiet ta’ politika, domandi immedjati tas-suq, innovazzjonijiet teknoloġiċi, ħtiġijiet ta’ ħiliet u disponibilità ta’ kollokament, rati ta’ tluq, prestazzjoni tal-istudenti, rati ta’ tranżizzjoni u rati ta’ impjieg.
- Il-kurrikuli juru allinjament ċar bejn ir-riżultati tat-tagħlim, l-esperjenza tat-tagħlim, il-pedagoġija, l-għarfien tal-kontenut u l-valutazzjoni.
- Il-kurrikuli jagħtu spazju adegwat għall-iżvilupp tal-ħiliet diġitali, ħiliet ta’ awtoġestjoni, ħiliet professjonali u ħiliet tas-seklu 21.
- Jintalbu l-fehmiet tal-kmamar tal-kummerċ rispettivi, ir-rappreżentanti tas-settur, il-kumpaniji, it-trade unions u partijiet ikkonċernati oħra.
- Il-kisba tar-riżultati tal-apprendiment tal-istudenti hija evidenzjata permezz ta’ data dwar il-prestazzjoni ġġenerata minn valutazzjoni formattiva u sommattiva.
- Il-prattiki pedagoġiċi għall-komponent ibbażat fuq l-iskola huma evidenzjati permezz ta’ prattiki bħal tagħlim ibbażat fuq il-proġett, simulazzjonijiet u l-użu ta’ studji ta’ każijiet.

## Kif tidher prattika tajba għall-Istandard 4.1?

Il-proċessi tad-WBL jitqiesu li huma fil-parametri ta' prattika tajba meta l-partijiet ikkonċernati jkunu qed iwettqu l-kompiti li ġejjin u meta tkun preżenti evidenza ċara kif indikat hawn taħt.

| Standard 4.1 | L-istituzzjoni | L-Istudent |
|---|---|---|
| **Il-programmi ta' studju huma bbażati fuq l-aħjar prattika u kurrikuli bbilanċjati u aġġornati.** | ☐ taġġorna l-programmi ta' studju regolarment biex tirrifletti l-ħtiġijiet tal-industrija, politiki/ standards/teknoloġija ġodda, eċċ.<br>☐ tallinja r-riżultati tat-tagħlim mal-esperjenza tat-tagħlim, il-pedagoġija, l-għarfien tal-kontenut u l-valutazzjoni.<br>☐ tiżgura li l-kurrikuli jiżviluppaw ħiliet diġitali, ta' awtoġestjoni, professjonali u tas-seklu 21.<br>☐ tuża valutazzjoni pedagoġika bbażata fl-iskola, bħal tagħlim ibbażat fuq il-proġetti, simulazzjonijiet u studji ta' każijiet.<br>☐ tfittex l-opinjonijiet tal-entitajiet tal-industrija rispettivi biex jinfurmaw dwar u jgħinu fl-iżvilupp tal-kurrikuli. | ☐ huwa konxju mill-aħħar xejriet u metodoloġiji fl-industrija rispettiva. |
| **Evidenza** | ☐ Tfassil ta' programmi, proċessi ta' żvilupp u rieżami, b'enfasi fuq il-komponenti tad-WBL.<br>☐ Feedback minn partijiet ikkonċernati oħra. | ☐ L-informazzjoni dwar l-opportunitajiet tad-WBL tirrifletti l-aħjar prattika attwali, fejn possibbli. |

| **Standard 4.2 Hemm fis-seħħ sistemi ta' valutazzjoni validi u affidabbli.** |
| --- |
| **Indikaturi tal-Kwalità għall-Istandard 4.2**<br>● L-istituzzjoni tat-taħriġ hija unikament responsabbli għas-superviżjoni tal-proċess ta' valutazzjoni.<br>● Is-sistema ta' valutazzjoni tkejjel il-progress li sar fl-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi.<br>● L-istituzzjoni għandha sistema fejn l-esperti jżuru lill-istudenti fil-kollokament tagħhom.<br>● Żjarat regolari ta' monitoraġġ, appoġġ u valutazzjoni jippermettu lill-istudenti jiddiskutu l-progress, jippreżentaw ix-xogħol tagħhom, iqajmu kwistjonijiet dwar il-kollokament, u juru l-integrazzjoni tat-teorija u l-prattika.<br>● Is-sistema ta' valutazzjoni tinkludi metodi evidenzjali bħal logbooks, djarji u portafolli għall-istudenti biex jirreġistraw l-esperjenzi u r-reazzjonijiet tagħhom u jirriflettu fuq dak li tgħallmu.<br>● Il-valutazzjoni tintuża biex jifhmu kif ittejbu l-esperjenzi tat-tagħlim, kemm tgħallmu, u/jew jippjana bidliet fit-tagħlim.<br>● Formoli ta' valutazzjoni formattivi u sommattivi jinkludu intervisti, preżentazzjonijiet, dimostrazzjonijiet, wirjiet ta' powsters, evalwazzjonijiet bejn il-pari, assenjazzjonijiet bil-miktub u eżamijiet.<br>● Il-valutazzjoni tindirizza l-kompetenzi mgħallma, ir-riżultati tat-tagħlim miksuba, u l-proċessi mwettqa, inklużi l-prattika riflettiva u l-awtodirezzjoni.<br>● Il-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni kontinwa bejn l-għalliema u l-ħarrieġa fuq il-post tax-xogħol huma essenzjali.<br>● Il-valutazzjoni għandha takkomoda differenzi fl-impjiegi, l-istandards, il-kultura u l-prattiki.<br>● Il-valutazzjoni hija awtentika, realistika u qrib kemm jista' jkun tal-proċess ta' ħidma reali.<br>● Sat-tmiem ta' kollokament tkun inkisbet evidenza tal-prattika tat-tagħlim.<br>● L-għoti ta' informazzjoni lill-istudenti sabiex jirriflettu dwar l-esperjenza tagħhom u jsaħħu t-tagħlim jistgħu jiffurmaw parti mill-valutazzjoni u jipprovdu feedback siewi lill-istudenti, lil min iħaddem u lill-għalliema.<br>● Il-politiki u l-proċeduri ta' valutazzjoni, inkluż il-klassifikazzjoni ta' rubriki, huma kkomunikati b'mod ċar.<br>● Hemm fis-seħħ proċedura formali għall-ilmenti u l-appelli tal-istudenti. |

## Kif tidher prattika tajba għall-Istandard 4.2?

Il-proċessi tad-WBL jitqiesu li huma fil-parametri ta' prattika tajba meta l-partijiet ikkonċernati jkunu qed iwettqu l-kompiti li ġejjin u meta tkun preżenti evidenza ċara kif indikat hawn taħt.

| Standard 4.2 | L-istituzzjoni | L-Istudent |
|---|---|---|
| **Hemm fis-seħħ sistemi ta' valutazzjoni validi u affidabbli.** | ☐ hija unikament responsabbli għall-proċess ta' valutazzjoni tad-WBL.<br>☐ għandha esperti li jżuru lill-istudenti fuq il-post tax-xogħol tagħhom u jkejlu l-progress.<br>☐ tuża valutazzjoni biex ittejjeb l-esperjenzi tat-tagħlim jew tippjana bidliet fis-sillabu/tagħlim.<br>☐ tuża valutazzjonijiet formattivi u sommattivi differenti. | ☐ jista' juri t-tagħlim permezz ta' valutazzjoni formattiva u sommattiva.<br>☐ jista' jiddiskuti l-progress, jippreżenta x-xogħol, iqajjem kwistjonijiet u juri l-ħiliet. |
| **Evidenza** | ☐ Oqfsa u proċeduri ċari għal valutazzjoni.<br>☐ Evidenza ta' titjib ibbażat fuq il-feedback. | ☐ Portafolli kampjuni u valutazzjonijiet kompluti.<br>☐ Intervisti mal-istudenti. |

| **Standard 4.3 L-għalliema u l-eżaminaturi huma mħarrġa tajjeb u kkwalifikati kif xieraq biex jappoġġjaw lill-istudenti.** |
|---|
| **Indikaturi tal-Kwalità għall-Istandard 4.3**<br>● L-istituzzjonijiet għandhom persunal ikkwalifikat kif xieraq li jfittex li jappoġġja u jinkoraġġixxi lill-istudenti.<br>● Id-dmirijiet relatati mad-WBL huma elenkati b'mod ċar fid-dokumenti kuntrattwali tal-membri tal-persunal rispettivi.<br>● L-istituzzjonijiet għandhom aċċess għal professjonisti esperti għall-iżvilupp tal-kurrikulu u d-disinn tal-valutazzjoni, li jistgħu jiġu impjegati full-time, part-time jew impjegati permezz ta' espressjoni ta' interess.<br>● L-għalliema u l-ħarrieġa fuq il-post tax-xogħol huma żviluppati b'mod professjonali biex jistrutturaw il-logbooks/djarji/portafolli tal-istudenti u jużawhom għal skopijiet ta' valutazzjoni.<br>● L-evalwaturi huma mħarrġa fl-oqsma rispettivi tagħhom u jistgħu jiddeterminaw il-progress tal-istudenti.<br>● L-evalwaturi jafu kif irawmu l-kapaċità tal-istudenti biex josservaw u janalizzaw il-kompiti tax-xogħol biex jidentifikaw punti ta' tagħlim, u jirriflettu fuq il-prattiki tagħhom u l-ħtiġijiet ta' żvilupp professjonali.<br>● L-għalliema jafu kif jippromwovu l-kapaċitajiet tal-istudenti biex jerġgħu jibnu l-kunċetti u l-għarfien.<br>● L-istituzzjonijiet jappoġġjaw l-iżvilupp professjonali kontinwu (CPD) għall-għalliema u l-persunal.<br>● L-għalliema jifhmu u josservaw l-implikazzjonijiet etiċi tal-azzjonijiet tagħhom fil-livelli kollha.<br>● L-għalliema għandhom l-għarfien u l-ħiliet pedagoġiċi rilevanti kif ukoll l-għarfien tax-xogħol u huma aġġornati dwar l-aħħar xejriet fl-edukazzjoni u t-teknoloġija. |

## Kif tidher prattika tajba għall-Istandard 4.3?

Il-proċessi tad-WBL jitqiesu li huma fil-parametri ta' prattika tajba meta l-partijiet ikkonċernati jkunu qed iwettqu l-kompiti li ġejjin u meta tkun preżenti evidenza ċara kif indikat hawn taħt.

| Standard 4.3 | L-istituzzjoni | L-Għalliema/l-Evalwaturi |
|---|---|---|
| **L-għalliema u l-evalwaturi huma mħarrġa tajjeb u kkwalifikati kif xieraq biex jappoġġjaw lill-istudenti.** | ☐ taħtar u tivverifika l-persunal kollu meħtieġ għad-dmirijiet tad-WBL.<br>☐ telenka d-dmirijiet relatati mad-WBL b'mod ċar fid-dokumenti kuntrattwali tal-persunal rispettiv.<br>☐ tappoġġja l-iżvilupp professjonali kontinwu (CPD) għall-għalliema u l-persunal.<br>☐ tiżgura li l-għalliema jifhmu u josservaw l-implikazzjonijiet etiċi tal-azzjonijiet tagħhom fil-livelli kollha. | ☐ huma mħarrġa u b'esperjenza xierqa fl-oqsma rispettivi tagħhom.<br>☐ huma aġġornati bl-iżviluppi fil-qasam tagħhom.<br>☐ huma kapaċi jiżviluppaw lill-istudenti biex jibnu mill-ġdid kunċetti u għarfien.<br>☐ huma kapaċi josservaw u jiddeterminaw il-progress tal-istudenti. |
| **Evidenza** | ☐ Politiki u proċeduri ċari dwar ir-reklutaġġ, l-iżvilupp u ż-żamma tal-persunal għad-WBL. | ☐ Kampjuni ta' rapporti ta' żjarat ta' monitoraġġ, informazzjoni, eċċ.<br>☐ Intervisti. |

# Definizzjonijiet

**Apprendistat:**
Taħriġ li jinvolvi lill-istudenti fi programmi li jinkludu tagħlim ibbażat fl-iskola f'istituzzjoni edukattiva liċenzjata u tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol ma' sponsor irreġistrat. Programmi li jinkludu apprendistati jwasslu għal kwalifika jew għotja vokazzjonali rikonoxxuta fil-Livell 3 jew il-Livell 4 tal-MQF. L-istudent huwa marbut ma' sponsor bi ftehim ta' taħriġ flimkien mal-istituzzjoni edukattiva. Il-krediti tal-ECTS huma allokati u vvalutati mill-istituzzjoni edukattiva għar-riżultati tat-tagħlim miksuba matul il-perjodu bbażat fuq ix-xogħol. L-apprendistati jikkombinaw formalment u jalternaw taħriġ ibbażat fuq ix-xogħol (perjodi ta' esperjenza ta' xogħol prattiku fuq il-post tax-xogħol) ma' edukazzjoni bbażata fl-iskola (perjodi ta' edukazzjoni teoretika/prattika mogħtija f'istituzzjoni edukattiva), u jwasslu għal kwalifika/premju rikonoxxuti nazzjonalment mat-tlestija b'suċċess.

**Valutazzjoni:**
Il-metodi u l-proċessi użati biex jiġu evalwati l-kisbiet (għarfien, ħiliet u kompetenzi) ta' individwu, li jwasslu għal ċertifikazzjoni.

**Għotja:**
It-titlu taċ-ċertifikazzjoni tat-tagħlim miksub permezz ta' korsijiet li ma għandhomx in-numru meħtieġ ta' krediti, f'konformità mal-Qafas Malti tal-Kwalifiki, li għandu jitqies bħala kwalifika sħiħa.

**Tagħlim imħallat:**
Programm edukattiv formali li fih l-istudenti jinvolvu ruħhom mill-inqas parzjalment permezz tat-twassil online tal-kontenut u t-tagħlim, b'xi element ta' kontroll mill-istudent maż-żmien, il-post, il-mogħdija u/jew il-pass, u mill-inqas parzjalment f'post fiżiku issorveljat b'interazzjoni wiċċ imb wiċċ u mhux id-dar. Il-proporzjon bejn it-tagħlim online u wiċċ imb wiċċ huwa deċiż mill-edukatur u/jew ir-rekwiżiti tal-programm fuq il-bażi tal-prinċipji pedagoġiċi relatati u r-rekwiżiti tal-programm, iżda ż-żewġ modi jikkumplimentaw lil xulxin fil-programm.

**Ċertifikazzjoni:**
Il-proċess tal-għoti ta' ċertifikat lil xi ħadd bħala prova tat-tlestija sodisfaċenti ta' kors ta' studju.

**Kompetenza:**
Il-kapaċità murija tal-eżekuzzjoni. Il-pussess ta' mġiba u attitudnijiet meħtieġa biex twettaq impjieg u tikkonforma mal-Istandards tax-Xogħol.

**Kurrikulu:**
Il-kontenut ta' programm organizzat ta' studju f'istituzzjoni edukattiva li jindika s-suġġetti mgħallma, il-ħin allokat lil kull wieħed, u s-sekwenza tagħhom.

**Dimostrazzjoni:**
Il-proċess tat-tagħlim billi turi lil xi ħadd kif jagħmel xi ħaġa: wiri prattiku jew spjegazzjoni ta' xi ħaġa.
**Istituzzjoni edukattiva:**

Individwu jew istituzzjoni korporattiva li taġixxi bħala l-amministratur ta' kollokamenti f'impjieg, apprendistati u internships billi tipprovdi programmi edukattivi f'livelli edukattivi avvanzati jew ogħla, u li hija liċenzjata mill-MFHEA skont l-Att dwar l-Edukazzjoni jew approvata minn strutturi internazzjonali ta' kwalifiki rikonoxxuti mill-industrija

**Sistema Ewropea għall-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment tal-Krediti (ECTS):**
Standard għat-tqabbil tal-kisba tal-istudju u l-prestazzjoni tal-istudenti tal-edukazzjoni għolja fl-Unjoni Ewropea u pajjiżi Ewropej kollaboraturi oħra.

**Qafas Ewropew tal-Kwalifiki:**
L-għodda tat-traduzzjoni li tgħin biex ikun hemm tqabbil bejn is-sistemi tal-kwalifiki fl-Ewropa.

**Tagħlim esperjenzali:**
It-tagħlim permezz tal-esperjenza li tagħmel xi ħaġa, aktar milli tiġi mgħarrfa dwarha jew taqra dwarha.

**Istituzzjonijiet Edukattivi Avvanzati u Ogħla:**
Istituzzjonijiet edukattivi mhux obbligatorji li jippermettu lill-istudenti jiksbu kwalifika nazzjonali kklassifikata fil-Livell 5 tal-MQF jew ogħla, jew kwalifika barranija f'livell komparabbli.

**Istituzzjonijiet Edukattivi Avvanzati:**
Istituzzjonijiet edukattivi mhux obbligatorji li jippermettu lill-istudenti jiksbu kwalifika nazzjonali kklassifikata fil-Livell 4 tal-MQF jew inqas, jew kwalifika barranija f'livell komparabbli.

**Internship:**
Taħriġ li jinvolvi lill-istudenti fi programmi li jinkludu tagħlim ibbażat fl-iskola f'istituzzjoni edukattiva liċenzjata u tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol ma' sponsor irreġistrat (fornitur tal-post tax-xogħol). Programmi li jinkludu internship iwasslu għal kwalifika/għotja rikonoxxuta fil-Livell 5 tal-MQF jew ogħla. L-istudent huwa marbut ma' sponsor bi ftehim ta' taħriġ iffirmat mill-istituzzjoni edukattiva, l-isponsor u l-istudent. Il-krediti tal-ECTS miksuba matul il-perjodu bbażat fuq ix-xogħol jiġu allokati u vvalutati mill-istituzzjoni edukattiva għal riżultati ta' tagħlim speċifikati.

**Studenti:**
Student involut fi programmi ta' taħriġ mil-Livell MQF 1 'il fuq.

**Riżultati tat-tagħlim:**
Għarfien, ħiliet u kompetenzi meħtieġa biex twettaq Xogħol b'Ħiliet u Teknika. Ir-riżultati tat-tagħlim jirriflettu l-Istandards tax-Xogħol stabbiliti mill-MFHEA.

**Logbook:**
Dokument riflettiv ibbażat fuq ix-xogħol li jippreżenta rekord sistematiku ta' attivitajiet imwettqa matul il-perjodi ta' tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol skont ir-riżultati tat-tagħlim tal-programm.
**L-Awtorità ta' Malta għal Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla:**

L-awtorità Maltija li takkredita l-fornituri tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali u l-programmi tagħhom, kif stabbilit bis-saħħa tal-Artikolu 3(1) tal-Att dwar l-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla.

**Qafas Malti tal-Kwalifiki:**
Għodda ta' referenza li tiddeskrivi u tippermetti l-komparabilità kemm tal-kwalifiki nazzjonali kif ukoll barranin biex tippromwovi l-kwalità, it-trasparenza u l-mobilità tal-kwalifiki fit-tipi kollha ta' edukazzjoni. Huwa allinjat mal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki.

**Ħarrieġ:**
Superviżur b'esperjenza li jipprovdi gwida u appoġġ f'diversi modi u jaġixxi bħala mudell, gwida, għalliem, kowċ jew sounding board għal student li jingħaqad ma' organizzazzjoni ġdida. Huwa jiġu nnominati mill-isponsor biex iħarreġ lill-istudent matul il-perjodu ta' tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol ta' programm ta' taħriġ.

**Standards tax-Xogħol:**
L-istandards stabbiliti mill-MFHEA permezz tal-Unitajiet tal-Ħiliet Settorjali, kif stipulat fil-Validazzjoni ta' Regolamenti ta' Tagħlim Mhux Formali u Informali. Dawn l-istandards jiddeskrivu dak li individwu f'impjieg partikolari għandu jkun jaf u jkun jista' jagħmel sabiex jiġi rikonoxxut formalment bħala kompetenti f'impjieg partikolari. L-Istandards tax-Xogħol jiddeterminaw l-eżiti tat-tagħlim meħtieġa minn persuni li għaddejjin minn taħriġ biex ikunu jistgħu jwettqu Xogħol b'Kompetenza u Tekniku.

**Tagħlim online:**
Forma ta' edukazzjoni fejn l-għalliema u l-istudenti huma fiżikament separati. Il-komunikazzjoni bejn l-edukatur u l-istudent isseħħ permezz ta' telekomunikazzjoni sinkronika/asinkronika. Korrispondenza bl-email bejn superviżur u student jew telekonferenzi jew vidjokonferenzi bejniethom biex jiddiskutu metodi ta' riċerka u jipprovdu feedback tikkostitwixxi tagħlim elettroniku.

**Speċifikazzjonijiet tal-programm:**
Dokument li jagħti dettalji tar-rekwiżiti minimi għal programm ta' taħriġ kif stabbilit minn istituzzjoni edukattiva f'konformità mal-linji gwida xierqa. Dan id-dokument jinkludi dettalji relatati mar-riżultati tat-tagħlim, it-tul tal-kors, l-iskedi taż-żmien, il-valutazzjonijiet, il-krediti, iċ-ċertifikazzjoni, l-ekwivalenza, ir-rikonoxximent, il-leġiżlazzjoni tax-xogħol, il-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali u regolamenti oħra. Dan id-dokument jitfa' dawl fuq drittijiet u obbligi speċifiċi mwettqa mill-istituzzjoni edukattiva, l-isponsor/s u l-istudent.

**Kwalifiki:**
Ċertifikat ta' edukazzjoni u taħriġ li juri l-kisba ta' livell ta' għarfien u ħila li jikkonferma li persuna kisbet riżultati ta' tagħlim speċifiċi. Il-kwalifiki jikkonformaw mal-Qafas tal-Kwalifiki regolat lokali jew barrani.

**Tagħlim ibbażat fl-iskola:**
Edukazzjoni u taħriġ li jsiru f'istituzzjoni edukattiva (għall-kuntrarju ta' post tax-xogħol).

**Standards tal-Ħiliet:**
Dikjarazzjonijiet żviluppati mill-industrija li jispeċifikaw il-kompetenzi meħtieġa mill-ħaddiema għal kull settur tal-forza tax-xogħol.

**Ħila:**
Il-kapaċità li twettaq attività mentali jew fiżika partikolari li tista' tiġi żviluppata permezz ta' taħriġ jew prattika.

**Xogħol ta' Ħiliet u Teknika:**
Ħiliet, kummerċ, sengħa jew xogħol ieħor, jew taqsima minnhom, meħtieġa biex tiżviluppa forza tax-xogħol. Programmi ta' taħriġ relatati jeħtieġ li jiġu żviluppati f'konformità magħhom.

**Sponsor:**
Organizzazzjoni jew individwu approvat minn istituzzjonijiet edukattivi biex jospita lill-istudenti u jwassal il-komponent ta' tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol ta' programm ta' taħriġ li jwassal għal kwalifika jew għotja li tifforma parti mill-Qafas tal-Kwalifiki regolat lokali jew rikonoxxut lokalment.

**Għalliema:**
Persuni li l-funzjoni tagħhom hija li jagħtu għarfien, ħiliet u kompetenzi lill-iistudenti f'istituzzjoni edukattiva jew ta' taħriġ. Fl-istituzzjonijiet tal-VET hemm enfasi fuq l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għal impjiegi partikolari jew, b'mod usa', fis-suq tax-xogħol.

**Ftehim ta' taħriġ:**
Il-ftehim li sar mill-fornitur tal-VET, l-isponsor u l-istudent fir-rigward ta' programm ta' taħriġ.

**Pjan ta' taħriġ:**
Dokument li juri r-rekwiżiti speċifiċi ta' programm ta' taħriġ stabbilit mill-istituzzjoni edukattiva, li jipprovdi informazzjoni dettaljata dwar ir-riżultati tat-tagħlim, id-durata, l-iskedi, l-eżamijiet, il-krediti, iċ-ċertifikazzjoni, l-ekwivalenza u r-rikonoxximent.

**Programmi ta' taħriġ:**
Programmi ta' tagħlim akkreditati amministrati minn istituzzjoni edukattiva allinjata mal-Istandards Nazzjonali tax-Xogħol u li jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' Impjieg/i ta' Ħiliet u Teknika waħda jew aktar, li jinkludu tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol mogħti minn sponsor u tagħlim ibbażat fuq l-iskola mogħti minn istituzzjoni edukattiva. It-tul ta' żmien ta' programm ta' taħriġ li jwassal għal kwalifi jew għotja formali huwa stabbilit skont il-Qafas Malti tal-Kwalifiki.

**Taħriġ:**
L-iżvilupp ta' għarfien, ħiliet u kompetenzi permezz ta' tagħlim u prattika.

**Edukazzjoni u Taħriġ Vokazzjonali (VET):**
Edukazzjoni u taħriġ li għandu l-għan li jgħammar lill-istudenti b'għarfien, ħiliet u kompetenzi meħtieġa għall-impjieg. Tali edukazzjoni u taħriġ huma mfassla biex jgħammru lill-istudenti li qed isegwu programmi fil-Livelli 1 tal-MQF u ogħla bl-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa biex itejbu l-impjegabilità tagħhom.

**Tagħlim Ibbażat fuq ix-Xogħol (WBL):**
Komponent ta' kors ta' taħriġ fuq ix-xogħol li jipprovdi esperjenza ta' tagħlim immirata biex tgħin lill-istudenti jiksbu l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi b'rilevanza diretta għas-suq tax-xogħol. L-apprendiment iseħħ prinċipalment permezz ta' esperjenza, prattika, mentoring u dimostrazzjoni. L-istudenti jiksbu l-opportunità li japplikaw għarfien akkademiku u tekniku, ħiliet u kompetenzi u jiżviluppaw l-impjegabilità tagħhom. It-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol jista' jieħu l-forma ta' kollokament f'impjieg, apprendistat jew internship. Ix-xogħol mill-bogħod online jgħodd bħala komponent tal-kors "fuq il-post tax-xogħol".

**Sistema ta' tagħlim ibbażata fuq ix-xogħol:**
Sett ta' strutturi, regoli u proċeduri interrelatati, sostnuti minn qafas legali, li jirregola d-dispożizzjoni tad-WBL u jagħmilha taħdem bħala unità sħiħa.

**Kollokament f'impjieg:**
Perjodu ta' xogħol mhux imħallas imwettaq minn studenti ma' sponsor irreġistrat bħala parti mill-kors tal-edukazzjoni tagħhom f'istituzzjoni edukattiva li hija kkaratterizzata min-natura strutturata tat-tagħlim. Dan huwa mmirata biex tinkiseb esperjenza ta' xogħol li twassal għal kwalifika jew għotja rikonoxxuta fil-Livell 1 jew il-Livell 2 tal-MQF. L-istudent huwa marbut ma' sponsor bi ftehim ta' taħriġ ikkompilat mill-istituzzjoni edukattiva. Il-krediti tal-ECTS huma allokati u vvalutati mill-istituzzjoni edukattiva għar-riżultati tat-tagħlim miksuba matul il-perjodu bbażat fuq ix-xogħol.

# Appendiċi 1: Drittijiet u obbligi tal-fornituri tal-VET.

Il-fornituri tal-VET għandhom jaġixxu bħala l-amministraturi tal-programmi ta’ taħriġ u għandhom ikunu responsabbli għall-iżvilupp, il-koordinazzjoni, il-kontroll, il-valutazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tal-programmi ta’ taħriġ, kif ukoll il-forniment tal-komponent ta’ tagħlim ibbażat fl-iskola, u jkollhom tali funzjonijiet kif stabbiliti f’dan l-Att u tali funzjonijiet oħra li jistgħu jingħataw lilhom taħt kwalunkwe liġi oħra jew kif jista’ jiġi assenjat mill-Ministru skont dan l-Att.

(2) Fir-rigward tal-programmi ta’ taħriġ għandu jkun id-dmir tal-fornituri tal-VET li:

(a) jiżviluppaw programmi ta’ taħriġ għal ħiliet li huma mitluba jew li huma mistennija li jkun hemm domanda għalihom fil-futur, skont ir-rapporti ta’ riċerka nazzjonali u r-rekwiżiti nazzjonali għal impjiegi ta’ ħiliet u teknika;

(b) jidentifikaw l-isponsor potenzjali u l-postijiet vakanti tal-programm ta’ taħriġ għall-istudenti;

(c) jiżviluppaw programmi ta’ taħriġ b’konsultazzjoni mal-isponsors;

(d) jirrevedu u jaġġornaw il-programmi ta’ taħriġ perjodikament mill-inqas kull tliet snin;

(e) iwettqu awditi interni tal-kwalità dwar programmi ta’ taħriġ u l-proċessi amministrattivi ta’ appoġġ tagħhom;

(f) jiżviluppaw regolamenti interni dwar programmi ta’ taħriġ fuq kwistjonijiet edukattivi u operattivi tal-programmi rispettivi;

(g) jistabbilixxu Bord Operattiv għat-Tagħlim ibbażat fuq ix-Xogħol, kif stipulat f’dan l-Att, maħsub biex jiżviluppa, jamministra, jikkontrolla u jtejjeb il-proċessi kollha relatati mal-programmi ta’ taħriġ fir-rigward ta’ kollokamenti fuq ix-xogħol, apprendistati u interships;

(h) iwasslu tagħlim ibbażat fl-iskola bħala parti mill-programm ta’ taħriġ;

(i) iwettqu valutazzjonijiet tal-ħiliet miksuba mill-istudenti permezz ta’ tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol u tagħlim ibbażat fuq l-iskola, abbażi tar-riżultati tat-tagħlim speċifikati fil-pjan tal-programm ta’ taħriġ;

(j) jiddeterminaw it-trasferiment ta’ krediti miksuba fi programm ta’ taħriġ għal ieħor, filwaqt li jqisu r-riżultati tat-tagħlim miksuba matul tali taħriġ preċedenti;

(k) ifasslu pjan ta’ programm ta’ taħriġ kif speċifikat f’dan l-Att;

(l) jiżviluppaw pjan ta' programm ta' taħriġ sabiex is-sigħat tax-xogħol u tat-taħriġ ikunu, kemm jista' jkun raġonevolment possibbli u flessibbli biex isiru aktar aċċessibbli għal studenti li għandhom min jiddependi fuqhom;

(m) jiżguraw li l-programmi, is-sistemi u l-proċessi ta' taħriġ jirriflettu l-istrateġija nazzjonali għall-inklużjoni soċjali fl-edukazzjoni.

(3) Il-fornituri tal-VET għandhom jiżguraw li tingħata kunsiderazzjoni lir-rekwiżiti tal-programm ta' taħriġ speċjali ta' persuni b'diżabilità u li t-taħriġ tal-persuni b'diżabilità jkun ikkoordinat ma' miżuri oħra biex jippromwovu l-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja tax-xogħol.

(4) Fir-rigward tal-kwalifiki u l-għotjiet, għandu jkun id-dmir tal-fornitur tal-VET li:

(a) joħroġ il-kwalifika jew l-għoja għal kull programm ta' taħriġ skont il-Qafas Malti tal-Kwalifiki jew dwar strutturi internazzjonali ta' kwalifiki rikonoxxuti mill-industrija;

(b) jeżerċita l-għażla volontarja li joħroġ karta tal-ħiliet, kif speċifikat f'dan l-Att, lill-istudent mat-tlestija b'suċċess tal-programm ta' taħriġ;

(c) joħroġ iċ-Ċertifikat tal-EUROPASS/is-Suppliment tad-Diploma jew simili lill-istudenti mat-tlestija b'suċċess tal-programm ta' taħriġ.

(5) Fir-rigward tal-ftehimiet ta' taħriġ għandu jkun id-dmir tal-fornitur tal-VET li:

(a) jiżgura li l-kontenut tal-ftehim ta' taħriġ iffirmat mill-istudenti, l-isponsor u l-fornitur tal-VET ikun konformi mat-termini ta' dan l-Att;

(b) jiżgura li l-pjan tal-programm ta' taħriġ li jappartjeni għall-bilanċ tat-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol u t-tagħlim ibbażat fl-iskola jkun konformi mat-termini ta' dan l-Att;

(c) iżomm Reġistru tal-Ftehimiet ta' Taħriġ.

(6) Għandha tkun il-funzjoni tal-fornitur tal-VET, fir-rigward tal-isponsors, il-ħarrieġa u l-istudenti, li:

(a) jissorvelja l-adegwatezza tal-isponsors u tal-ħarrieġa ewlenin maħtura;

(b) jissorvelja l-adegwatezza tal-post fejn jinżamm it-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol;

(c) jiżgura li l-istudenti jkollhom ħarrieġ ewlieni maħtur fuq il-post tax-xogħol għall-perjodu kollu tal-programm ta' taħriġ;

(d) jiddetermina l-għadd massimu ta' studenti li l-isponsors jistgħu jingaġġaw, abbażi tar-riżorsi rispettivi tagħhom għat-taħriġ u t-tagħlim;

(e) iżomm kuntatt, komunikazzjoni u kooperazzjoni regolari mal-isponsors dwar l-aspetti kollha tal-programm ta' taħriġ;

(f) jipprovdi informazzjoni u aċċess għall-istudenti dwar offerti ta' kollokament f'impjieg, apprendistat, u, jew opportunitajiet ta' internship mill-isponsors;

(g) iqabbel l-istudenti ma' postijiet vakanti fil-programm ta' taħriġ għall-għażla finali mill-isponsor;

(h) jipprovdi servizzi ta' konsulenza u gwida lill-istudenti;

(i) jieħu l-azzjoni kollha meħtieġa biex jiżgura l-benesseri tal-istudenti matul l-opportunitajiet ta' kollokament f'impjieg, apprendistat u/jew internship ipprovduti mill-isponsors;

(j) jagħmilha ta' medjatur fi kwistjonijiet relatati mat-tagħlim u t-taħriġ ibbażat fuq ix-xogħol li jistgħu jinqalgħu bejn l-istudent u l-isponsor;

(k) jimmaniġġja t-trasferiment ta' studenti minn sponsor għal ieħor meta jinqala' l-bżonn u jekk it-trasferiment ikun meħtieġ minħabba n-natura tal-programm ta' taħriġ;

(l) jiżgura li r-rekwiżiti tad-dħul u l-għażla tal-istudenti jkunu ġusti u ħielsa minn diskriminazzjoni abbażi ta': età, twemmin, reliġjon, kulur, oriġini etnika u, jew razza, diżabilità, responsabilitajiet tal-familja u, jew tqala, familja u, jew stat ċivili, espressjoni tal-ġeneru u, jew identità tal-ġeneru, karatteristiċi ġenetiċi, status tas-saħħa, opinjoni politika, sess u, jew karatteristiċi tas-sess, u orjentazzjoni sesswali.

# Appendiċi 2: Drittijiet u obbligi tal-isponsors.

Għandu jkun id-dritt tal-isponsor li:

(a) jagħżel studenti prospettivi li japplikaw għal postijiet vakanti tal-programm ta' taħriġ;

(b) jirreklama l-postijiet vakanti tal-programm ta' tagħlim u taħriġ ibbażati fuq ix-xogħol permezz tal-fornituri tal-VET jew b'mod indipendenti.

(2) L-isponsors jistgħu jkunu eliġibbli għal inċentivi tat-taxxa għall-ispiża mġarrba biex studenti jiġu involuti fi programm ta' taħriġ.

(3) Għandu jkun l-obbligu tal-isponsor li:

(a) iħallas remunerazzjoni lill-istudent skont ir-rata stabbilita mil-leġiżlazzjoni rilevanti, għat-tul tal-ħin li l-istudent iqatta' fuq il-post tax-xogħol bħala parti mill-komponent tat-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol, kif predefinit fil-pjan tal-programm ta' taħriġ;

(b) jiżgura li l-istudenti jingħataw l-ambjent biex jiksbu r-riżultati tat-tagħlim kif definit fil-pjan tal-programm ta' taħriġ;

(c) imexxi l-proċess ta' taħriġ ibbażat fuq ix-xogħol b'mod sistematiku, skont il-pjan tal-programm ta' taħriġ, is-sillabu u l-iskeda ta' żmien, f'forma xierqa sabiex it-taħriġ jinkiseb fil-perjodu speċifikat;

(d) jippermetti lill-istudenti jattendu sessjonijiet ta' tagħlim ibbażati fl-iskola, valutazzjonijiet jew kwalunkwe impenn ieħor li huwa relatat mal-programm ta' taħriġ, kif speċifikat fil-pjan tal-programm ta' taħriġ;

(e) jippermetti lill-istudenti jipparteċipaw fi skambji internazzjonali li huma relatati mat-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol, u li jipprovdu għall-iżvilupp ta' kompetenzi vokazzjonali bħala parti mill-pjan tal-programm ta' taħriġ;

(f) jidentifika individwi li għandhom għarfien tekniku, esperjenza u kompetenza personali biex jaġixxu bħala ħarrieġa ewlenin f'termini ta' dan l-Att;

(g) jiżgura li l-istudenti jkollhom ħarrieġ ewlieni maħtur fuq il-postijiet tax-xogħol għall-perjodu kollu tal-programm ta' taħriġ;

(h) jafda t-taħriġ ibbażat fuq ix-xogħol lill-ħarrieġa ewlenin jew lil persuni kompetenti xierqa, kif miftiehem mal-fornitur tal-VET, għall-perjodu kollu tal-programm ta' taħriġ, u lil ħarrieġa oħra li għandhom jibqgħu taħt id-direzzjoni tal-ħarrieġ ewlieni;

(i) jiżgura li l-ħarrieġ ewlieni dejjem ikun disponibbli biex jimmonitorja lill-istudent u jiżgura li l-istudent ikun qed jirċievi taħriġ adegwat;

(j) jipprovdi l-faċilitajiet u t-taħriġ meħtieġa biex l-istudent jikseb l-eżiti tat-tagħlim meħtieġa għat-tlestija b'suċċess tal-valutazzjoni interim u finali tal-programm ta' taħriġ, amministrat mill-fornitur tal-VET;

(k) jipprovdi l-post u jgħammar lill-istudenti bl-għodod u l-provvisti meħtieġa għat-tlestija b'suċċess tal-programm ta' taħriġ u biex jgħaddu mill-valutazzjonijiet interim u finali tagħhom, amministrati mill-fornitur tal-VET, anki jekk dawn il-valutazzjonijiet isiru eżatt wara t-tmiem tal-perjodu bbażat fuq ix-xogħol;

(l) jippermetti lill-istudenti jattendu f'post tax-xogħol ieħor għal perjodu ta' żmien speċifikat biex jirċievu taħriġ essenzjali li ma jistax jingħata fl-istabbiliment tagħhom kif speċifikat fil-pjan tal-programm ta' taħriġ:

Sakemm tali allowance tkun possibbli biss bi ftehim minn qabel mal-isponsor qabel il-bidu tal-programm ta' tagħlim kif speċifikat fil-ftehim ta' taħriġ;

(m) jobbliga lill-istudenti jżommu rekord tal-logbook tat-taħriġ bil-miktub aġġornat, u jispezzjona r-rekords sa fejn tali rekords huma meħtieġa bħala parti mill-kollokament f'impjieg, l-apprendistat jew l-internship;

(n) jipprovdi tagħmir u faċilitajiet xierqa għas-saħħa u s-sigurtà skont l-Att dwar l-Awtorità tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol;

(o) jiżgura li l-istudenti jkunu koperti mill-assigurazzjoni tar-responsabilità pubblika u mill-assigurazzjoni tal-vetturi tal-isponsor, fejn xieraq;

(p) jiżgura li l-istudenti jiġu fdati b'kompiti li jservu l-iskop meħtieġ għall-iżvilupp ta', u huma proporzjonati mal-ħiliet fiżiċi;

(q) jiżgura li l-benesseri tal-istudenti jiġi ssalvagwardjat u li jkunu mħarrġa f'ambjent fejn ma jkunx hemm diskriminazzjoni, bullying jew fastidju fuq il-post tax-xogħol;

(r) jippreżenta ftehimiet ta' taħriġ li għandhom jiddaħħlu fir-Reġistru miżmum mill-fornitur tal-VET malli jiġu stabbiliti l-ftehimiet. L-istess għandu japplika għal emendi għall-istipulazzjonijiet essenzjali ta' ftehim;

(s) iżomm rekords tal-ftehimiet ta' taħriġ u rekord tal-progress tal-istudent f'termini ta' attivitajiet ta' tagħlim ibbażati fuq ix-xogħol. Ir-rekords għandhom jinżammu għal perjodu ta' tliet snin wara t-terminazzjoni tal-programm ta' taħriġ. L-isponsor għandu jgħaddi r-rekords lill-fornitur tal-VET fuq talba fil-perjodu tal-programm ta' taħriġ u t-tliet snin sussegwenti;

(t) jinforma immedjatament lill-fornitur tal-VET b'xi nuqqasijiet ta' kwalunkwe student sabiex tittieħed azzjoni meħtieġa;

(u) jippermetti aċċess għal skopijiet ta' monitoraġġ mir-rappreżentanti uffiċjali tal-fornitur tal-VET u kwalunkwe uffiċjal ieħor li huwa awtorizzat mill-fornitur tal-VET.

# Appendiċi 3: Drittijiet u obbligi tal-istudenti.

L-istudenti għandu jkollhom id-drittijiet li ġejjin:

(a) l-istudenti jistgħu jkunu eliġibbli biex jibbenefikaw minn għotja ta' manteniment tal-istudenti f'termini tar-Regolamenti tal-Għotjiet ta' Mantinient lill-Istudenti;

(2) l-istudenti fuq programmi ta' apprendistat għandhom id-dritt għal introjtu ekwivalenti għall-paga minima nazzjonali fis-siegħa għas-sigħat li jqattgħu fuq il-post tax-xogħol kif stipulat fil-pjan tal-programm ta' taħriġ. Id-dħul fis-siegħa huwa kkalkulat bħala d-dħul derivat mill-isponsor u mill-għotja ta' manteniment tal-istudent.

(3) L-istudenti għandu jkollhom l-obbligi li ġejjin:

(a) iwettqu l-kompiti fdati lilhom bħala parti mit-taħriġ ibbażat fuq ix-xogħol tagħhom;

(b) ikollhom edukazzjoni u eżamijiet vokazzjonali kif deskritt fil-pjan tal-programm ta' taħriġ stabbilit mill-fornitur tal-VET;

(c) jaderixu mal-istruzzjonijiet mogħtija lilhom fil-qafas tat-taħriġ tagħhom ibbażat fuq ix-xogħol mill-isponsor, mill-ħarrieġa jew minn kwalunkwe persuna oħra intitolata tagħtihom tali struzzjonijiet;

(d) jattendu għall-komponent ta' tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol skont il-pjan ta' programm ta' taħriġ stabbilit minn qabel kif stabbilit mill-fornitur tal-VET;

(e) jattendu għal kwalunkwe tagħlim ibbażat fl-iskola kif ipprovdut mill-fornitur tal-VET jew minn kwalunkwe fornitur ta' servizz ieħor skont il-ħtiġijiet, u ma jkunux assenti għajr għal raġunijiet ġustifikati;

(f) jaġġornaw il-logbook tat-taħriġ fuq bażi regolari kif stabbilit mill-fornitur tal-VET skont ir-rekwiżiti tal-programm ta' taħriġ;

(g) jinnotifikaw lill-fornitur tal-VET jekk l-isponsor ma jkunx qed jaderixxi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ftehim ta' taħriġ;

(h) jirrispettaw ir-regoli ta' mġiba kif stabbiliti mill-isponsor u l-fornitur tal-VET.